

Dan id-dokument għe magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B**

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 850/98

tat-30 ta' Marzu 1998

dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' żgħar ta' organiżmi tal-baħar

(ĠU L 125, 27.4.1998, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <u>M1</u>	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 308/1999 tat-8 ta' Frar 1999	L 38	6	12.2.1999
► <u>M2</u>	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1459/1999 ta' l-24 ta' Ġunju 1999	L 168	1	3.7.1999
► <u>M3</u>	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2723/1999 tas-17 ta' Diċembru 1999	L 328	9	22.12.1999
► <u>M4</u>	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 812/2000 tas-17 ta' April 2000	L 100	3	20.4.2000
► <u>M5</u>	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1298/2000 tat-8 ta' Ġunju 2000	L 148	1	22.6.2000
► <u>M6</u>	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 724/2001 ta' l-4 ta' April 2001	L 102	16	12.4.2001
► <u>M7</u>	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 973/2001 ta' l-14 ta' Mejju 2001.	L 137	1	19.5.2001
► <u>M8</u>	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) n 602/2004 tat-22 ta' Marzu 2004	L 97	30	1.4.2004
► <u>M9</u>	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1568/2005 ta' l-20 ta' Settembru 2005	L 168M	328	21.6.2006
► <u>M10</u>	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2166/2005 ta' l-20 ta' Diċembru 2005	L 175M	299	29.6.2006
► <u>M11</u>	Regolament (UE) Nru 579/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011	L 165	1	24.6.2011
► <u>M12</u>	Regolament (UE) Nru 227/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013	L 78	1	20.3.2013
► <u>M13</u>	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1385/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013	L 354	86	28.12.2013



IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 850/98

tat-30 ta' Marzu 1998

**dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi
għall-protezzjoni ta' żġar ta' organiżmi tal-baħar**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEJA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni mill-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽³⁾,

- (1) Billi r-Regolament (KE) Nru 894/97 ⁽⁴⁾ jikkostitwixxi l-verżjoni konsolidata tar-Regolament (KE) Nru 3094/86 li jistabbilixxi ċerti miżuri tekniċi għall-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd, liema Regolament ġie emendat ta' spiss u b'mod sostanzjali.
- (2) Billi l-esperjenza fl-applikazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 3094/86 kixfet ċerti nuqqasijiet li jirriżultaw fi problemi ta' applikazzjoni u ta' infurzar u li għandhom ikunu kkoreġuti, b'mod partikolari billi jitnaqqsu n-numru ta' speċifikazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma daqs tat-toqob tat-xbieki, billi jitneħħa l-kunċett ta' speċi protetti u billi jkunu ristretti n-numru ta' daqsijiet differenti ta' toqob ta' xbieki li jistgħu jinżammu abbord; billi għalhekk ikun xieraq li r-Regolament (KE) Nru 894/97 ikun mibdul b'test ġdid bl-eċċezzjoni ta' l-Artikoli 11, 18, 19 u 20 tiegħu.
- (3) Billi huwa neċessarju li jkunu definiti ċerti prinċipji u proċeduri sabiex ikun stabbiliti miżuri ta' konservazzjoni tekniċi fuq livell ta' Komunità, sabiex kull Stat Membru jkun jista' jamministra l-attivitajiet tas-sajd fl-ibħra li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni jew sovranità tiegħu.
- (4) Billi għandu jinstab bilanċ bejn adattar ta' miżuri ta' konservazzjoni tekniċi għad-diversità tas-sajd u l-bżonn ta' regoli omoġenji li jistgħu jiġu applikati faċilment.
- (5) Billi l-Artikolu 130r(2) tat-Trattat jistabbilixxi l-prinċipju li l-miżuri kollha tal-Komunità għandhom jintegraw ħtiġiet ta' protezzjoni ambjentali b'mod partikolari fid-dawl tal-prinċipju ta' prekawżjoni.

⁽¹⁾ ĠU Ċ 292 ta' 1-4.10.1996, p. 1, u
ĠU Ċ 245 tat-12.8.1997, p. 10.

⁽²⁾ ĠU Ċ 132 tat-28.4.1997, p. 235.

⁽³⁾ ĠU Ċ 30 tat-30.1.1997, p. 26.

⁽⁴⁾ ĠU L 132 tat-23.5.1997, p. 1.

▼B

- (6) Billi l-prattika li organiżmi marittimi jintefgħu lura l-baħar għandha tkun imnaqqsa kemm jista jkun possibbli.
- (7) Billi għandha tkun ipprovduta protezzjoni għall-iinhawi ta' tkabbir, billi jkunu kkunsidrati l-kondizzjonijiet bijoloġiċi speċifiċi fiż-żoni varji konċernati.
- (8) Billi fid-Direttiva 92/43/KEE ⁽¹⁾, il-Kunsill stabbilixxa miżuri għall-konservazzjoni ta' abitat naturali u ta' ħajja selvaġġa u ta' fauna; billi l-lista ta' organiżmi tal-baħar li jaqgħu taħt l-għan ta' dan ir-Regolament fiha ismijiet ta' speċi protetti bil-ħtiġiet ta' dik id-Direttiva.
- (9) Billi l-Parlament Ewropew fil-25 ta' Ottubru 1996 adotta r-riżoluzzjoni tiegħu dwar il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-implementazzjoni ta' miżuri tekniċi fil-politika tas-sajd komuni.
- (10) Billi sabiex tkun żgurata l-protezzjoni ta' riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u l-isfruttar bilanċjat ta' riżorsi tas-sajd fl-interess kemm tas-sajjieda u tal-konsumaturi, għandhom ikunu stabbiliti miżuri ta' konservazzjoni teknika, li jispeċifikaw fost l-oħrajn id-daqsijiet tat-toqob tax-xbieki u l-kumbinazzjonijiet tagħhom xierqa għall-qbid ta' ċerti speċi u karatteristiċi oħra ta' apparat tas-sajd, u l-iżgħar daqs ta' organiżmi tal-baħar, kif ukoll il-limitazzjonijiet ta' sajd f'ċerti iinhawi u perjodi ta' żmien u b'ċerti apparat u tagħmir.
- (11) Billi fid-dawl ta' parir xjentifiku, għandhom ikunu stabbiliti dispożizzjonijiet għal żidiet fid-daqs tat-toqob ta' apparat meta jsir sajd għal ċerti speċi ta' organiżmi tal-baħar, u għandhom ikunu stabbiliti dispożizzjonijiet għall-użu ta' bilfors ta' xbieki b'toqob kwadri, minħabba li dawn jista jkollhom rwol sinifikanti fit-tnaqqis ta' qbid ta' żgħar ta' organiżmi tal-baħar.
- (12) Billi, sabiex tkun evitata l-possibiltà li jintużaw toqob dejjem iżgħar f'apparat fiss, li qed tirriżulta f'żidiet fir-rati ta' mortalità ta' żgħar ta' l-ispeċi li jsir is-sajd għaliha mis-sajjieda konċernati, għandhom ikunu stabbiliti d-daqsijiet tat-toqob ta' apparat fiss.
- (13) Billi jkun hemm differenza fil-komposizzjoni ta' l-ispeċi ta' qabdiet u l-prattiċi tas-sajd assoċjati f'iinhawi ġeografiċi differenti; billi dawn id-differenzi jiġġustifikaw l-applikazzjoni ta' miżuri differenti f'dawk l-iinhawi.
- (14) Billi l-qbid ta' ċerti speċi sabiex ikunu mibdula f'farina tal-ħut jew f'żejt tal-ħut jista jkollhom b'toqob ta' daqsijiet żgħar, sakemm tali ħidmiet ta' qbid ma jkollhomx influwenza negattiva fuq speċi oħra.

⁽¹⁾ ĠU L 206 tat-22.7.1992, p. 7. Id-Direttiva kif emendata bl-Att tad-Dħul ta' l-1994.

▼B

- (15) Billi għandhom ikunu applikati daqsijiet minimi f'dak li għandu x'jaqsam ma speċi li jikkonstitwixxu proporzjon maġġuri ta' ħatt minn bastimenti tal-Komunità u għal dawk l-ispeċi li jibqgħu ħajjin li jintefgħu lura l-baħar.
- (16) Billi l-iżgħar daqs ta' speċi għandu jkun skond l-għażla tad-daqs tat-toqob applikabbli għal dik l-ispeċi.
- (17) Billi l-mod li bih id-daqs ta' l-organiżmi tal-baħar għandu jkun imkejjel għandu jkun definit.
- (18) Billi, sabiex ikunu protetti aringi żgħar, għandhom ikunu adottati dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-qbid u ż-żamma abbord ta' sardin.
- (19) Billi, sabiex tkun ikkunsidrata l-prattika tas-sajd tradizzjonali f'ċerti iinhawi, għandhom ikunu adottati dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-qbid u ż-żamma abbord ta' inċova u tonn.
- (20) Billi, sabiex ikun żgurat il-kontroll ta' attivitajiet tas-sajd f'ċerti iinhawi b'bastimenti li jikkonformaw ma kondizzjonijiet speċifiċi, aċċess għal tali inħawi għandu jkun suġġett għal permessi speċjali tas-sajd kif riferiti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1627/94 tas-27 ta' Ġunju 1994 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali li għandhom x'jaqsmu ma drittijiet tas-sajd speċjali⁽¹⁾.
- (21) Billi l-użu ta' tartaruni magħluqin fuq gruppi ta' ħut li jinstabu flimkien ma mammiferi marini jista' jirriżulta fil-qbid u l-qtil ta' tali mammiferi; billi iżda, meta jsir b'mod xieraq, l-użu ta' tartaruni magħluqin hu metodu effettiv ta' sajd għall-ispeċi mixtieqa biss li għaliha jkun qed isir is-sajd; billi, għandu għalhekk ikun ipprojbit li mammiferi tal-baħar ikunu mdawwra b'tartaruni magħluqin.
- (22) Billi, sabiex ma jkunx hemm tfixkil għal riċerki xjentifiċi, ħażniet mill-ġdid jew transplantazzjoni artifiċjali, dan ir-Regolament m'għandux japplika għal ħidmiet li jistgħu jkunu mitluba bit-tħaddim ta' tali attivitajiet.
- (23) Billi ċerti miżuri, neċessarji fil-kuntest ta' konservazzjoni, huma miżmuma fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2930/86 tat-22 ta' Settembru 1986 li jiddefinixxi karatteristiċi għall-bastimenti tas-sajd⁽²⁾ u fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll applikabbli għall-politika tas-sajd komuni⁽³⁾, u għalhekk ma hemmx għalfejn ikunu mtennija.
- (24) Billi, fejn il-konservazzjoni tkun mhedda b'mod serju, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom ikunu awtorizzati sabiex jieħdu miżuri proviżorji xierqa.

⁽¹⁾ ĠU L 171, tas-6.7.1994, p. 7.

⁽²⁾ ĠU L 274, tal-25.9.1986, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 3259/94 (ĠU L 339, tad-29.12.1994, p. 11).

⁽³⁾ ĠU L 261, ta' 1-20.10.1993, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 686/97 (ĠU L 102, tad-19.4.1997, p. 1).

▼B

- (25) Billi jistgħu jinżammu jew ikunu adottati miżuri nazzjonali oħra ta' karattru strettament lokali, suġġetti għal eżaminar mill-Kummissjoni tal-kompatibilità tagħhom mal-liġi tal-Komunità u l-konformità mal-politika tas-sajd komuni.
- (26) Billi, fejn ir-regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament jistgħu jkunu neċessarji, tali regoli għandhom ikunu adottati bi qbil mal-proċedura dettata fl-Artikolu 18 tar-Regolament (KEE) Nru 3760/92 ⁽¹⁾,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Dan ir-Regolament, li jistabbilixxi miżuri tekniċi ta' konservazzjoni, għandu japplika għall-qbid u ħatt l-art ta' riżorsi tas-sajd li jkunu jinsabu fl-ibħra taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' l-Istati Membri u li jkunu jinsabu f'wieħed mir-reġjuni speċifikati fl-Artikolu 2, minbarra kif provdut b'mod ieħor fl-Artikoli 26 u 33.

▼M12

Artikolu 1a

Fl-Artikolu 4(2)(c), fl-Artikolu 46(1)(b) u fl-Anness I, in-nota 5 f'qiegħ il-paġna, in-nom “Komunità”, jew l-aġġettiv korrispondenti, huwa sostitwit bin-nom “Unjoni”, jew l-aġġettiv korrispondenti, u għandu jsir kwalunkwe aġġustament grammatikali meħtieġ bħala konsegwenza ta' din is-sostituzzjoni.

▼B

IT-TITOLU I
DEFINIZZJONIJIET

L-Artikolu 2

1. Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, id-definizzjonijiet segwenti ta' ibħra għandhom japplikaw:

(a) **Reġjun 1**

L-ibħra kollha li qegħdin fit-tramuntana u fil-punent ta' linja għad-dejja minn punt latitudni 48° T, lonġitudni 18° P, minn hemm għat-tramuntana għal latitudni 60° T, minn hemm lejn il-lvant għal latitudni 5° P, minn hemm għat-tramuntana għal latitudni 60° 30' T, minn hemm lejn il-lvant għal lonġitudni 4° P, minn hemm għat-tramuntana għal latitudni 64° T, minn hemm lejn il-lvant għal kosta tan-Norveġja.

(b) **Reġjun 2**

L-ibħra kollha li jkunu jinsabu fit-tramuntana ta' latitudni 48° T, iżda minbarra l-ibħra ta' Reġjun 1 u d-diviżjonijiet ta' ICES IIIB, IIIC and IIID.

⁽¹⁾ ĠU L 389 tal-31.12.1992, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bl-Att tad-Dħul ta' l-1994.

▼B**(c) Reġjun 3**

L-ibħra kollha li jikkorrispondu għas-sub-żona ICES VIII u IX.

(d) Reġjun 4

L-ibħra kollha li jikkorrispondu għas-sub-żona ICES X.

(e) Reġjun 5

L-ibħra kollha f'dik il-parti tal-lvant ta' l-Atlantiku Ċentrali li tink-ludi diviżjonijiet 34.1.1, 34.1.2 u 34.1.3 u s-sub-żona 34.2.0 taż-żona ta' sajd 34 tar-reġjun CECAF.

(f) Reġjun 6

L-ibħra kollha barra mix-xtut tad-dipartiment Franċiż ta' Guyana li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' Franza.

(g) Reġjun 7

L-ibħra kollha barra mix-xtut tad-dipartimenti Franċiżi ta' Martinique u Guadeloupe li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' Franza.

▼M13**(h) Ir-Reġjun 8**

L-ibħra kollha barra mix-xtut tad-dipartimenti Franċiżi ta' Réunion u l-Majott li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' Franza.

▼M12**(i) Reġjun 9**

L-ilmijiet kollha tal-Baħar l-Iswed li jikkorrispondu għas-subżona ġeografika 29 kif iddefinita fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) ⁽¹⁾ u fir-Riżoluzzjoni tal-GFCM/33/2009/2.

▼B

2. Iż-żoni ġeografiċi msemmija f'dan ir-Regolament bl-ittri "ICES" u "CECAF" għandhom ikunu dawk definiti mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar u l-Kumitat tas-Sajd għall-Lvant ta' l-Atlantiku Ċentrali, rispettivament. Huma deskritti, suġġetti għal kull emenda sussegwenti, fil-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni Nru 85/C 335/02 ⁽²⁾ u Nru 85/C 347/05 ⁽³⁾.

3. Ir-reġjuni riferiti fil-paragrafu 1 jistgħu jkunu maqsuma f'żoni ġeografiċi, b'mod partikolari fuq il-bażi tad-definizzjonijiet riferiti fil-paragrafu 2, skond il-proċedura riferita fl-Artikolu 48.

4. Minkejja l-paragrafu 2, għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament:

— il-Kattegat hu limitat fit-tramuntana b'linja mill-Fanal ta' Skagen sal-fanal f'Tistlarna, u minn hemm għall-eqreb punt fuq il-kosta ta' l-Isvezja, u fin-nofsinar b'linja minn Hasenøre Head sa Gniben Point, minn Korshage sa Spodsbjerg, u minn Gilbjerg Head sal-Kullen,

⁽¹⁾ ĠU L 347, 30.12.2011, p. 44.

⁽²⁾ ĠU C 335, ta' l-24.12.1985, p. 2.

⁽³⁾ ĠU C 347, tal-31.12.1985, p. 14.

▼B

- l-Iskagerrak hu limitat fil-punent minn linja mill-fanal ta' Hanstholm sal-fanal ta' Lindesnes, u fin-nofsinar b'linja mill-fanal ta' Skagen sal-fanal ta' Tistlarna, u minn hemm għall-eqreb punt fuq il-kosta ta' l-Isvezja,
- il-Baħar tat-Tramuntana għandu jinkludi s-sub-żona IV ta' ICES, il-parti li tmiss ma Diviżjoni IIa ta' ICES li tinsab fin-nofsinar ta' latitudni 64° T, u dik il-parti ta' Diviżjoni IIIa ta' ICES li mhijiex koperta bid-definizzjoni ta' l-Iskagerrak mogħtija fit-tieni indent.

L-Artikolu 3

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament:

- (a) organiżmi tal-baħar għandha tfisser il-ħut kollu, li jinkludu speċi anadromi u katadromi matul il-ħajja marina tagħhom, krustaċji u molluski u partijiet minnhom;
- (b) daqs tat-toqob ta' xibka ta' għid għandha tfisser id-daqs tat-toqob ta' kull tarf tax-xibka jew taż-żieda misjuba abbord bastiment tas-sajd u mwaħħla ma jew tajba sabiex titwaħħal ma kull xibka miġbuda. Id-daqs tat-toqob għandu jkun stabbilit bi proċeduri speċifikati fir-Regolament (KEE) Nru 2108/84 ⁽¹⁾. Din id-definizzjoni ta' daqs tat-toqob ma għandhiex tkun applikata għal daqs ta' toqob ta' xbieki b'toqob kwadri;
- (c) xibka bi spag doppju għandha tfisser xibka magħmula minn żewġ spagiet jew aktar, fejn l-ispag jista jkun separat bejn l-għoqiedi mingħajr ma ssir ħsara għall-istruttura ta' l-ispag;
- (d) xibka bit-toqob kwadri għandha tfisser struttura ta' xibka immontata sabiex miż-żewġ settijiet ta' linji paralleli ffurmati bl-ispag tax-xibka, sett wieħed hu parallel għal, u l-ieħor perpendikulari għall-fus it-twil tax-xibka;
- (e) daqs tat-toqob ta' panew jew tieqa ta' xibka bit-toqob kwadru għandu jfisser l-akbar daqs ta' toqob stabbilit ta' tali panew jew tieqa mdaħħal għewwa xibka miġbud. Id-daqs tat-toqob għandu jkun stabbilit bi proċeduri fir-Regolament (KEE) Nru 2108/84;
- (f) xibka bla għoqiedi għandha tfisser xibka li tkun magħmula minn kwadru b'erba naħat ta' bejn wieħed u ieħor l-istess daqs li fih, l-irkejjen tal-kwadru huma ffurmati b'insiġ għewwa xulxin ta' żewġ naħat li jmissu ma xulxin tal-kwadru;
- (g) xbieki tal-qiegħ li fihom il-ħut jeħel mal-garġi jew xbieki li jitħabblu għandhom ifissru kull apparat marbut, magħmul minn biċċa waħda ta' xibka, marbuta jew li tista tkun marbuta, permezz ta' kull mezz ma qiegħ il-baħar;
- (h) xbieki tat-trammell għandha tfisser kull apparat magħmul minn biċċtejn jew aktar ta' xibka mwaħħla flimkien b'mod parallel fuq ċima waħda, marbuta jew li tista tkun marbuta, permezz ta' kull mezz ma qiegħ il-baħar.

⁽¹⁾ ĠU L 194 ta' l-24.7.1984, p. 22

▼ B

IT-TITOLU II

XBIEKI U KUNDIZZJONIJIET GĦALL-UŻU TAGĦHOM

IL-KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET GĦALL-APPARAT MIĠBUDA

▼ M2*Artikolu 4*

1. Għal kull wieħed mir-regġuni jew kull waħda miż-żoni ġjografiċi msemmija fl-Annessi I sa V, u jiddependi fejn applikabbli fuq il-perijodu taż-żmien, l-ispeċji tal-ħut immirati għalihom għal kull skala ta' daqs tal-malji tax-xbiek tas-sajd huma kif definiti fl-Anness rilevanti.

2. (a) Huwa ppprojbitt l-użu, matul kull vjaġġ għas-sajd, ta' kull kombinazzjoni ta' xbieki rmunkati ta' iktar minn skala waħda tad-daqs tal-malji.

— għewwa t-totalità tar-Regġuni 1 u 2 għajr l-Iskagerrak u l-Katteġat, u jiddependi fejn applikabbli skond il-perijodu taż-żmien, għajr jekk id-daqsijiet tal-malji ta' dawn ix-xbieki użati humiex konformi ma' mhux iktar minn waħda mill-kombinazzjonijiet tal-qisien permessi fl-iskali tad-daqs tal-malji preskritti fl-Anness VIII, u

— għewwa r-Regġun 3 għajr fit Taqsima IXa ta' l-ICES fil-lvant tal-lonġitudni 7° 23' 48" P għajr jekk id-daqsijiet tal-malji ta' dawn ix-xbieki użati humiex konformi ma' mhux iktar minn waħda mill-kombinazzjonijiet permessi fl-iskali ta' daqsijiet tal-malji preskritti fl-Anness IX.

(b) Għewwa kull wieħed mir-regġuni jew kull waħda miż-żoni ġeografiċi msemmija fl-Annessi III, IV, u V, u jiddependi, fejn applikabbli, fuq il-perijodu taż-żmien, għandu jitħalla l-użu, matul kull vjaġġ għas-sajd, ta' kull kombinazzjoni ta' xbieki rmunkati fl-iskali tad-daqs tal-malji speċifikat fl-Anness rilevanti.

(c) Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd illi matul kull vjaġġ għas-sajd ma jimlewx regjistru tal-bastiment skond mad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93 ma għandhomx jużaw matul dan il-vjaġġ l-ebda kombinazzjoni ta' xbieki rmunkati ta' iktar minn skala waħda tad-daqs tal-malji għewwa l-ibħra tas-sajd Komunitarji. Din il-ħtieġa ma għandhiex tapplika għall-vjaġġi għas-sajd għewwa l-ibħra tal-Komunità fir-Regġuni 4, 5 u 6.

(d) Matul kull vjaġġ għas-sajd il-bastimenti tas-sajd jistgħu jgħorru abbord kull kombinazzjoni ta' xbieki rmunkati bl-iskali ta' daqs tal-malji illi ma jikkonformawx mal-kondizzjonijiet prteskritti fis-sotto-paragrafi (a) jew (b), basta iżda illi dawn ix-xbieki kollha jkunu marbuta u stivati skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93. Kull xibka rmunkata li ma tkunx marbuta u stivata skond id-disposizzjonijiet msemmija iktar 'il fuq għandha tiġi kkunsidrata illi tkun qiegħda tintuża.

▼ M2

(e) Kull meta jkunu qegħdin jiġu rmunkati iktar minn xibka waħda minn bastiment tas-sajd jew minn iktar minn bastiment tas-sajd wieħed, kull xibka għandha tkun ta' l-istess skala ta' daqs ta' malji.

(f) L-użu ta' kull xibja rmunkata tad-daqs tal-malji:

— inqas minn 16-il mm għandu jiġi pprojbit fir-Reġjun 3 għajr fit-Taqsima IXa ta' l-ICES fil-lvant tal-lonġitudni 7° 23' 48" P,

— inqas minn 40 mm għandu jiġi pprojbit fit-Taqsima IXa ta' l-ICES fil-lvant tal-lonġitudni 7° 23' 48" P,

— inqas minn 20 mm għandu jiġi pprojbit fir-Reġjuni 4 u 5,

— inqas minn 45 mm għandu jiġi pprojbit fir-Reġjun 6.

3. Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd li ma jimlewx regjistru tal-bastiment skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93 ma għandhomx, matul kull vjaġġ, jistadu f'iktar minn wieħed mir-reġjuni jew waħda miż-żoni ġeografiċi msemmija fl-Annessi I sa V. Din il-ħtieġa ma għandhiex tapplika għall-bastimenti illi, matul kull vjaġġ għas-sajd, jużaw biss xbieki rmunkati bid-daqs tal-malji ugwali għal jew iktar minn 100 mm.

4. (a) Għal kull vjaġġ għas-sajd li matulu jiġu użati kull kombinazzjoni ta' xbieki rmunkati b'iktar minn skala waħda ta' daqs tal-malji, huwa pprojbit it-tniżżil l-art tal-ħut kull meta:

(i) il-qbid tal-ħut isir fir-Reġjuni 1 jew 2 għajr għall-Iskagerrak u l-Kattegat u kull waħda mix-xbieki użati għandha d- daqs tal-malji ugwali għal jew ikbar minn 100 mm, għajr jekk il-komposizzjoni perċentwali tal-qabdiet miżmuma abbord tikkonforma mal-kondizzjonijiet rilevanti preskritti fl-Anness X(A); jew

(ii) il-qbid meħud mill-Iskagerrak u l-Kattegat u kull waħda mix-xbieki użati għandha l-malji ta' daqs ugwali għal jew ikbar minn 90 mm, għajr jekk il-komposizzjoni perċentwali tal-qabdiet miżmuma abbord tikkonforma mal-kondizzjonijiet rilevanti preskritti fl-Anness X(B); jew

(iii) il-qbid meħud mir-Reġjun 3 għajr għat-Taqsima IXa ta' l-ICES fil-lvant tal-lonġitudni 7° 23' 48" P u kull waħda mix-xbieki użati hija ta' daqs tal-malju ugwali għal jew ikbar minn 70 mm, għajr jekk il-komposizzjoni perċentwali tal-qabdiet miżmuma abbord tikkonforma mal-kondizzjonijiet rilevanti preskritti fl-Anness XI(A); jew

(iv) il-qabda meħuda mit-Taqsima IXa ta' l-ICES fil-lvant tal-lonġitudni 7° 23' 48" P u kull waħda mix-xbieki użati hija ta' daqs tal-malji ugwali għal jew ikbar minn 55 mm, għajr jekk il-komposizzjoni perċentwali tal-qabdiet miżmuma abbord tikkonforma mal-kondizzjonijiet rilevanti preskritti fl-Anness XI(B);

▼ M6

- (b) Għal kull vjaġġ tas-sajd, li matulu jintużaw biss xbieki ta' l-irmonk ta' gamma waħda ta' qies tal-malja, żbarki għandhom ikunu pprojbati kull meta l-qabda meħuda f'kull waħda mir-regġuni jew arji ġeografiċi msemmija fl-Anness I sa V, u miżmuma abbord, ma jikkonformawx ruħhom mal-kondizzjonijiet korrispondenti preskritti fl-anness rilevanti.

▼ M2

5. (a) Il-perċentwali ta' l-ispeċji ta' ħut immirati u ta' speċji oħra għandhom jinkisbu bl-aggregazzjoni tal-kwantitajiet miżmuma abbord, jew ittrasferiti għal fuq bastimenti oħra, ta' l-ispeċji ta' ħut immirati u ta' l-ispeċji l-oħra kif iddikjarati fl-Annessi I sa V.
- (b) Madankollu, għandhom jiġu mfassla skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 48 regoli dettaljati sabiex tinkiseb il-perċentwali ta' l-ispeċji ta' ħut immirati u ta' speċji oħra miżmuma abbord, meta dawn jinqabdu b'xibka jew bi xbieki rmunkati simultanjament minn iktar minn bastiment wieħed tas-sajd.

6. Qabel il-31 ta' Mejju 2001, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-kondizzjonijiet preskritti f'dan l-Artikolu, fl-Artikolu 15 u fl-Anness rilevanti. Fuq il-bażi ta' dawn ir-rapporti, il-Kummissjoni għandha tissottometti proposti xierqa. Il-Kunsill għandu jiddeċidi, fuq il-bażi ta' kull proposta minn din, qabel il-31 ta' Ottubru 2001.

▼ B*L-Artikolu 5*

1. Il-persentaġġi riferiti fl-Annessi I sa V, X u XI għandhom ikunu maħduma bħala proporzjon skond il-piż ħaġ ta' l-organiżmi kollha tal-baħar abbord wara li jkun ġew magħżula jew wara li jkun inħattu l-art.
2. Madankollu, waqt li jkunu qed jinħaddmu l-persentaġġi riferiti fil-paragrafu 1 għal bastiment tas-sajd li minnu kwantitajiet ta' organiżmi tal-baħar ġew trasferiti għal fuq bastiment ieħor, dawn il-kwantitajiet għandu jittieħed kont tagħhom.
3. Sidien ta' bastimenti tas-sajd li ma jimlewx *logbook* bi qbil mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93 m'għandhomx jittrasferixxu organiżmi tal-baħar għal fuq xi bastiment ieħor, jew jirċievu trasferimenti ta' organiżmi tal-baħar minn xi bastiment ieħor.
4. Il-persentaġġi riferiti fil-paragrafu 1 jistgħu jkunu maħduma fuq il-bażi ta' kampjun rappreżentattiv wieħed jew aktar.

▼ M6**▼ B**

6. Għall-għan ta' dan l-Artikolu, il-piż ekwivalenti ta' awwista sħiħa tan-Norveġja għandu jkun miksub billi jkun multiplikat il-piż tad-dnub ta' l-awwisti tan-Norveġja bi tlieta.

▼B

L-Artikolu 6

▼M6

1. (a) Il-ġarr abbord jew l-użu ta' kull tartarun tal-qiegħ, tartarun Daniż jew xbieki tal-ġbid simili li għandhom iktar minn 100 malja f'kull ċirkonferenza tal-cod-end *stricto sensu*, esklużi l-hjati u l-borduri għandu jkun ipprobit. Din id-dispożizzjoni għandha tapplika għal tartaruni tal-qiegħ, tartaruni Daniżi jew xbieki tal-ġbid simili li l-qies tal-malja tagħhom tkun fl-isfera ta' 90 jew 119 millimetru.

▼B

- (b) L-ewwel sottoparagrafu m'għandhux japplika għal xbieki ta' tkarkir bi travi.
2. F'kull tarf waħdieni *stricto sensu*, in-numru ta' toqob madwar kull ċirkonferenza tat-tarf ma għandux jiżdied mit-tarf ta' quddiem għat-tarf ta' wara. Din id-dispożizzjoni għandha tapplika għax-xbieki kollha ta' ġbid li d-daqs tat-toqob tagħhom ikun daqs jew ikbar minn 55 millimetru.
3. In-numru ta' toqob, minbarra dawk fiċ-ċmusa, f'kull punt fuq kull ċirkonferenza ta' kull estenzjoni jew żieda m'għandhux ikun inqas mill-ogħla numru ta' toqob fiċ-ċirkonferenza tat-tarf ta' quddiem *stricto sensu*, minbarra t-toqob taċ-ċmusa. Din id-dispożizzjoni għandha tapplika għax-xbieki kollha ta' ġbid li d-daqs tat-toqob tagħhom ikun daqs jew ikbar minn 55 millimetru.

L-Artikolu 7

1. (a) Panew ta' toqob kwadri ta' daqs tat-toqob ta' mill-inqas 80 millimetri jista jkun miżjud f'kull xibka miġbuda.
- (b) Inkella, kull xibka ta' tkarkir, *seine* Daniża jew xbieki simili ta' ġbid ta' taħt l-ilma li d-daqs tat-toqob tagħhom ikun daqs, jew aktar minn, 100 millimetru jistgħu jkunu armati b'panew-wijiet awtorizzati skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1866/86 tat-12 ta' Ġunju 1986 li jistabbilixxi ċerti miżuri tekniċi għall-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd fl-ibħra tal-Baħar Baltiku, il-Belts u s-Sound ⁽¹⁾.
2. Kull panew b'toqob kwadri:
 - (a) għandu jitqiegħed fin-nofs ta' fuq jew fil-folja ta' fuq ta' xibka quddiem kull estensjoni jew f'kull punt bejn il-quddiem ta' kull estensjoni u l-parti ta' wara tat-tarf;
 - (b) m'għandu jkollu l-ebda xkiel la minn twaħħil minn ġewwa jew minn barra;
 - (c) għandu jkun ta' l-inqas tliet metri fit-tul ħliet meta jkun inkorporat fi xbieki miġbuda minn bastimenti ta' inqas minn 112-il kilowatt, meta jrid ikun ta' l-inqas żewġ metri fit-tul;

⁽¹⁾ ĠU L 162, tat-18.6.1986, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1821/96 (ĠU L 241, tal-21.9.1996, p. 8).

▼B

(d) għandu jkun magħmul minn xbieki bla għoqiedi jew minn xbieki magħmula minn għoqiedi li ma jżżerżqux, u għandu jkun imdaħħal b'mod li t-toqob jibqgħu miftuħa l-ħin kollu waqt is-sajd;

(e) għandu jkun magħmul b'mod li n-numru ta' toqob fir-ringiela ta' quddiem tal-panew tkun daqs jew aktar min-numru ta' toqob fir-ringiela ta' wara tal-panew.

3. F'kull xibka li fiha ikun imdaħħal panew f'parti tax-xibka li ma tiġix għal xejn, għandu jkun hemm ta' l-iktar ħames toqob fil-forma ta' djamant miftuħin bejn kull ġenb tal-panew u ċ-ċimi tax-xibka ta' maġenbu.

F'kull xibka li fiha jkun imdaħħal panew b'toqob kwadri, sħiħ jew parti minnu, f'parti tax-xibka li tiġi għal xejn, għandu jkun hemm ta' l-iktar ħames toqob fil-forma ta' djamant miftuħin bejn ir-ringiela ta' toqob ta' wara tal-panew b'toqob kwadri u ċ-ċimi tax-xibka ta' mal-ġenb.

▼M6

4. Minkejja l-paragrafu 1(a), kull tartarun tal-qiegħ, tartarun Daniż jew xbieki tal-ġbid simili li l-qies tal-malja tagħhom tkun fil-portata ta' 70 sa 79 millimetru għandu jkun mgħammar b'panew ta' malji kwadri li jkollu l-qies tal-malja ugwali għal, jew ikbar minn, 80 millimetru.

▼B

5. Minkejja l-paragrafu 1(a), iż-żamma abbord ta' xi kwantità ta' krustaċi tar-razza *Pandalus* maqbuda b'kull xibka ta' ġbid ta' taħt l-ilma li d-daqs tat-toqob tagħha jkun bejn 32 u 54 millimetru għandu jkun projbit, sakemm ix-xibka ma tkunx armata b'panew bit-toqob kwadri jew tieqa li d-daqs tat-toqob tagħha jkunu daqs, jew aktar minn 70 millimetru ►**M6** jew bi gradilja ta' l-għażla li l-użu tagħha hu stabbilit taħt il-kondizzjonijiet preskritti fl-Artikolu 46 ◄.

6. Il-kondizzjonijiet tal-paragrafi 4 u 5 għandhom japplikaw biss għewwa r-Reġjuni 1 u 2.

7. Il-kejl tad-daqs tat-toqob ta' kull xibka bit-toqob kwadri imdaħħla f'xi parti tax-xibka m'għandux ikun ikkunsidrat meta ssir stima tad-daqs tat-toqob ta' xibka miġbuda.

L-Artikolu 8

1. Il-ġarr abbord jew l-użu ta' xbieki miġbuda magħmula kollha kemm huma jew f'xi parti fit-tarf minn materjal tax-xbieki ta' spaga waħda li l-ħxuna ta' l-ispaga tkun iktar minn tmien millimetri għandu jkun ipprojbit.

2. Il-ġarr abbord jew l-użu ta' xbieki miġbuda magħmula kollha jew f'xi parti fit-tarf minn materjal tax-xbieki ta' iktar minn spaga waħda għandu jkun projbit, sakemm l-ispag ikun bejn wieħed u ieħor ta' l-istess ħxuna u sakemm it-total tal-ħxuna ta' l-ispag fuq kull naħa tat-toqob ma jkunx iktar minn 12-il millimetru.

▼B

3. Il-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx japplikaw għal bastimenti tat-tkarkir f'baħar miftuħ.

L-Artikolu 9

1. Il-ġarr abbord jew l-użu ta' kull xibka miġbuda li t-tarf tagħha hu magħmul kollu kemm hu jew parti minnu minn xi tip ta' materjal tax-xbieki magħmul minn toqob li mhumiex toqob fil-forma ta' kwadri jew djamant għandu jkun ipprojbit.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għal kull xibka miġbuda li t-tarf tagħha jkollu daqs ta' toqob ta' 31 millimetru jew inqas.

▼M6*Artikolu 10*

Magni tat-tħammil huma eżenti mid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4. Madankollu, għandu jkun ipprojbit matul kull vjaġġ meta il-magni tat-tħammil jinġarru abbord,

- (a) it-trasbord ta' organiżmi marini u
- (b) li tinżamm abbord jew li tkun żbarkata kull kwantità ta' organiżmi marini ħliet jekk għall-inqas 95 % bil-piż minnha ma tkunx tikkonsisti f'molluski bivalvi.

▼B

IL-KAPITOLU II

DISPOŻIZZJONIJIET GĦAL APPARAT MARBUTA

L-Artikolu 11

1. Għal kull wieħed mir-reġjuni jew żoni ġeografiċi msemmija fl-Annessi VI u VII, u jiddependi fejn ikun applikabbli fuq il-perjodu ta' żmien, l-użu jew iż-żamma abbord ta' kull xibka li fiha l-ħut jeħel mill-garġi, xibka ta' tħabbil jew tramell tal-qiegħ għandu jkun projbit, sakemm:

- (a) il-qabda maqbuda b'dak ix-xibka u miżmuma abbord tkun tinkludi persentaġġ ta' speċi fil-mira ta' mhux inqas minn 70 %; u
- (b) — fil-każ ta' xbieki li fihom il-ħut jeħel mill-garġi u xbieki ta' tħabbil, id-daqs tat-toqob tagħhom ikun jaqbel ma waħda mill-kategoriji stabbiliti fl-Anness relevanti,
 - fil-każ ta' trammelli, id-daqs tat-toqob tagħhom fdik il-parti tax-xibka fejn ikun hemm l-iżgħar toqob ikun jaqbel ma waħda mill-kategoriji stabbiliti fl-Anness relevanti.

▼M12

Din id-deroga għandha tapplika mingħajr peregudizzju għall-Artikolu 34b(2)(c).

▼B

2. Il-persentaġġ minimu ta' speċi fil-mira jista' jinkiseb billi jingħaddu l-kwantitajiet ta' l-ispeċi fil-mira kollha maqbuda.

▼M12*Artikolu 11a*

Fir-Reġjun 9, id-daqs minimu tal-malji għal għeżula tal-qiegħ, meta użati biex jinqabad il-barbun imperjali, għandu jkun ta' 400 mm.

▼B*L-Artikolu 12*

1. Il-persentaġġ riferit fl-Anness 11(1) għandu jkun maħdum bħala l-proporzjon skond il-piż ħaj ta' l-organiżmi kollha tal-baħar abbord wara li jkun ġew magħżula jew wara li jkunu nħattu l-art.
2. Il-persentaġġ riferit fil-paragrafu 1 jista jkun maħdum fuq il-bażi ta' kampjun rappreżentattiv wieħed jew iktar.

L-Artikolu 13

L-Artikoli 11 u 12 m'għandhomx japplikaw għal qabdiet ta' ħut li jixbaħ is-salamun, qalfat u lampredi.

IL-KAPITOLU III

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI DWAR XBIEKI U
KONDIZZJONIJIET GĦALL-UŻU TAGĦHOM**

L-Artikolu 14

L-għażla għandha ssir immedjatament malli l-qabdiet ikunu tneħħew mix-xibka jew xbieki.

▼M2*Artikolu 15*

1. Il-kwantitajiet ta' organiżmi tal-baħar maqbuda in eċċess tal-perċentwali permessi speċifikati fl-Annessi I sa VII, X u XI ma jistgħux jitniżżlu l-art imma għandhom jintefgħu lura fil-baħar qabel kull tniżżil l-art tal-ħut.
2. Fil-ħinijiet kollha matul il-vjaġġ għas-sajd, u wara l-għażla tal-qabda tal-ħut, il-perċentwali ta' l-ispeċji tal-ħut immirati kif definiti fl-Annessi I sa VII miżmuma abbord għandu jkun ta' mill-inqas in-nofs tal-perċentwali minimi ta' l-ispeċji tal-ħut immirati rriferiti fl-Annessi msemmija.
3. Il-kaptani tal-bastimenti illi huma meħtieġa illi jimlew reġistru tal-bastiment għandhom jiżguraw illi wara li jkunu temmew l-ewwel 24 siegħa tal-vjaġġ tagħhom tas-sajd, għandu jintlaħaq il-perċentwali minimu ta' l-ispeċji tal-ħut immirati kif iddikjarati fl-Annessi I sa VII, X u XI fil-ħin tat tkompliġa tal-mili tar-reġistru tal-bastiment, skond il-kondizzjonijiet preskritti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93.
4. Kull meta, matul vjaġġ għas-sajd, bastiment jidħol għall-ewwel darba f'xi wieħed mir-reġjuni jew xi waħda miż-żoni ġeografiki msemmija fl-Annessi I sa V, il-perċentwali minimu ta' l-ispeċji tal-ħut immirati, kif iddikjarati fl-Annessi I sa VII, X u XI, maqbuda u miżmuma abbord mir-reġjun jew iż-żona ġeografika mistada qabel matul dan il-vjaġġ għandu jintlaħaq fi żmien sagħtejn.

▼B*L-Artikolu 16*

M'għandu jintuża l-ebda apparat li permezz tiegħu t-toqob f'kull parti tax-xibka tas-sajd jinstaddu jew inkella jitnaqqsu b'mod effettiv.

Din id-dispożizzjoni m'għandhiex teskludi l-użu ta' ċerti apparat li tagħhom titfassal lista u deskrizzjonijiet tekniċi skond il-proċedura riferita fl-Artikolu 48.

▼B

IT-TITOLU III

DAQS MINIMU TA' ORGANIŻMI TAL-BAĦAR**▼M12***Artikolu 17*

Organiżmu tal-baħar jitqies żgħir jekk id-dimensjonijiet tiegħu jkunu iżgħar mid-dimensjonijiet minimi speċifikati fl-Anness XII u fl-Anness XIIIa għall-ispeċi rilevanti u ż-żona ġeografika rilevanti.

▼B*L-Artikolu 18*

1. Il-kejl tad-daqs ta' organismu tal-baħar għandu jsir skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Anness XIII.

2. Fejn iktar minn metodu wieħed ta' kejl ta' daqs ta' organismu tal-baħar ikun ipprovdut għalih, l-organiżmu jkun ikkunsidrat li jkun ta' daqs minimu jekk l-applikazzjoni ta' xi wieħed minn dawn il-metodi jirriżulta f'daqs ugwali għal, jew ikbar minn, id-daqs minimu korrispondenti.

3. Awwisti, ċikali, u molluski b'żewġ qoxriet u gastropodi li jappartjenu għal xi speċi li għalihom hu stabbilit daqs minimu fl-Anness XII jistgħu jinżammu biss abbord sħaħ u jistgħu biss jinħattu l-art sħaħ.

▼M6

4. (a) Għal qabdiet ta' granċijiet ta' l-ikel magħmulin b'kontenituri jew kavetti, massimu ta' 1 % bil-piż tal-qabda totali ta' granċijiet ta' l-ikel jew partijiet minnha miżmuma abbord matul xi (kull) vjaġġ tas-sajd jew żbarkati fi tmiem kwalunkwe vjaġġ tas-sajd jista' jikkonsisti minn artilji tal-granċijiet maqlugħin.

(b) Għal qabdiet ta' granċijiet ta' l-ikel magħmulin bi kwalunkwe tagħmir tas-sajd minbarra kontenituri u kavetti, massimu ta' 75 kg ta' artilji tal-granċijiet maqlugħin jistgħu jinżammu abbord fi kwalunkwe mument matul vjaġġ tas-sajd jew jistgħu jkunu żbarkati fi tmiem ta' kull vjaġġ tas-sajd.

▼B*L-Artikolu 19*

1. Organiżmi tal-baħar żgħar m'għandhomx jinżammu abbord jew ikunu trasferiti fuq bastiment ieħor, ikunu mħotta l-art, trasportati, maħżuna, mibjugħa, murija jew offruti għall-bejgħ, iżda għandhom ikunu mitfugħa lura l-baħar immedjatement

2. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għal:

(a) sardin, inċova, aringi, sawrell u kavall, fl-limitu ta' 10 % tal-piż ħaġ tat-total ta' qabdiet miżmuma abbord ta' kull waħda minn dawn l-ispeċi. Il-persentaġġ ta' sardin, inċova, aringi, sawrell jew kavall għandu jkun maħdum bħala proporzjon skond il-piż ħaġ ta' l-organiżmi kollha tal-baħar abbord wara li jkunu ġew magħżula jew wara li jkunu nħattu l-art. Il-persentaġġ jista' jkun maħdum fuq il-bażi ta' kampjun rappreżentattiv wieħed jew aktar. Il-limitu ta' 10 % m'għandux ikun maqbuż matul it-trasferiment minn bastiment għal ieħor, il-ħatt, it-trasport, il-ħażna, il-wiri jew il-bejgħ;

▼B

(b) organiżmi tal-baħar minbarra dawk definiti fl-Annessi I sa V bħala speċi fil-mira għall-kategoriji ta' daqs ta' toqob iżgħar minn 16-il millimetru jew minn 16 sa 31 millimetri, u maqbuda b'apparat ta' għid ta' daqs ta' toqob inqas minn 32 millimetri, kemm-il darba l-organiżmi msemmija ma jkunux magħżula u ma jkunux mibjugħa, murija jew offriti għall-bejgħ għall-konsum uman.

3. Madankollu, sardin, inċova, sawrell jew kavall żgħar maqbuda sabiex jintużaw bħala lixka ħajja jistgħu jinżammu abbord, kemm-il darba jinżammu ħajjin.

▼M12

4. Il-paragrafi 2 u 3 ma għandhomx japplikaw fir-Reġjun 9.

TITOLU IIIa

MIŻURI GĦAT-TNAQQIS TAR-RIMI*Artikolu 19a***Projbizzjoni ta' selezzjoni kwalitattiva**

1. Fir-Reġjuni 1, 2, 3 u 4, għandu jiġi pprojbit ir-rimi ta' speċi soġġetti għal kwota li tista' tiġi legalment żbarkata matul operazzjonijiet tas-sajd.

2. Id-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 huma mingħajr preġudizzju għall-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament jew fi kwalunkwe att legali tal-Unjoni ieħor fil-qasam tas-sajd.

*Artikolu 19b***Dispożizzjonijiet dwar l-ispustament tal-bastimenti (moving-on) u projbizzjoni fuq it-tħarrib**

1. Fir-Reġjuni 1, 2, 3 u 4, fejn il-kwantità ta' kavalli, aringi jew sawrell ta' daqs żgħir wisq taqbeż l-10 % tal-kwantità totali tal-qabdiet fi kwalunkwe refgħa, il-bastiment għandu jbidel iż-żona tas-sajd.

2. Fir-Reġjuni 1, 2, 3 u 4, huwa pprojbit it-tħarrib kavalli, aringi jew sawrell qabel ma x-xibka tittella' kompletament abbord bastiment tas-sajd b'konsegwenza ta' telf ta' ħut mejjet jew li jkun qed imut.

▼B

IT-TITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI LI GĦANDHOM X'JAQSMU MA' ĊERTI ORGANIŻMI TAL-BAĦAR*L-Artikolu 20***Restrizzjonijiet fuq is-sajd għall-aringi**

1. Iż-żamma ta' aringi abbord li jinqabdu ġewwa ż-żoni ġeografiċi u matul il-perjodi msemmija hawn taħt għandu jkun ipprojbit:

(a) mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' April, ġewwa ż-żona ġeografika li tinsab fil-grigal ta' linja mħażża bejn Mull of Kintyre u Corsewall Point;

▼B

- (b) mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Ottubru, ġewwa ż-żona ġeografika limitata mill-koordinati li ġejjin:

— il-kosta tal-punent tad-Danimarka flatitudni 55° 30' T,

— latitudni 55° 30' T, lonġitudni 7° 00' L,

— latitudni 57° 00' T, lonġitudni 7° 00' L,

— il-kosta tal-punent tad-Danimarka flatitudni 57° 00' T;

- (c) mill-15 ta' Awissu sal-15 ta' Settembru, fiż-żona li testendi minn sitt mili sa 12-il mil barra mill-kosta tal-lvant tar-Renju Unit kif imkejla mil-linji bażi bejn latitudnijiet 55° 30' T u 55° 45' T;

▼M12**▼B**

- (e) mill-15 ta' Awissu sal-15 ta' Settembru, ġewwa ż-żona li testendi minn sitt mili sa 12-il mil barra mill-kosta tal-lvant tar-Renju Unit kif imkejla mil-linji bażi bejn latitudnijiet 54° 10' T u 54° 45' T;

▼M3

- (f) (i) mill-21 ta' Settembru sal-15 ta' Novembru, ġewwa parti mit-Taqsima VIIa ta' l-ICES imdawra bil-kosta ta' l-*Isle of Man* u l-linji dritti miġbuda konsekuttivament bejn il-kordinati li ġejjin:

— il-latitudni 54°20'00" T, lonġitudni 04°25'05" P u l-latitudni 54°20'00" T, lonġitudni 03°57'02" P,

— il-latitudni 54°20'00" T, lonġitudni 03°57'02" P u l-latitudni 54°17'05" T, lonġitudni 03°56'08" P,

— il-latitudni 54°17'05" T, lonġitudni 03°56'08" P u l-latitudni 54°14'06" P, lonġitudni 03°57'05" P,

— il-latitudni 54°14'06" T, lonġitudni 03°57'05" P u l-latitudni 54°00'00" T, lonġitudni 04°07'05" P,

— il-latitudni 54°00'00" T, lonġitudni 04°07'05" P u l-latitudni 53°51'05" T, lonġitudni 04°27'08" P,

— il-latitudni 53°51'05" T, lonġitudni 04°27'08" P u l-latitudni 53°48'00" T, lonġitudni 04°50'00" P,

— il-latitudni 53°48'05" T, lonġitudni 04°50'00" P u l-latitudni 54°04'05" T, lonġitudni 04°50'00" P;

- (ii) mill-21 Settembru sal-31 Diċembru, ġewwa l-parti tat-Taqsima VIIa ta' l-ICES imdawra bil-kordinati li ġejjin:

— il-lvant tal-kosta ta' l-Irlanda ta' Fuq fil-latitudni 54°15' T,

— il-latitudni 54° 15' T, lonġitudni 5°15' P,

— il-latitudni 53°50' T, lonġitudni 5°50' P,

— il-lvant tal-kosta ta' l-Irlanda fil-latitudni 53°50' T;

▼B

- (g) matul is-sena ġewwa d-Diviżjoni VIIa ta' ICES, fiż-żona ġeografika bejn il-kosti tal-punent ta' l-Iskozja, l-Ingilterra u Wales, u linja mħażża 12-il mil mill-linji bażi tal-kosti limitati fin-nofsinar b'latitudni 53° 20 T u fil-majjstral b'linja mħażża bejn il-Mull of Galloway (l-Iskozja) u l-Point of Ayre (Isle of Man);
- (h) matul is-sena ġewwa Logan Bay, definita bħala l-ibħra fil-lvant ta' linja mħażża mill-Mull of Logan li tinsab f'latitudni 54° 44'T u lonġitudni 4° 59' P, sa Laggantalluch Head, li tinsab f'latitudni 54° 41 T u lonġitudni 4° 58 P;
- (i) fl-1997, u kull tliet snin ta' wara, mit-tieni Ġimgħa f'Jannar, għal perjodu ta' 16-il jum konsekuttivi ġewwa ż-żona limitata bil-koordinati li ġejjin:
- il-kosta tax-xlokk ta' l-Irlanda flatitudni 52° 00 T,
 - latitudni 52° 00 T, lonġitudni 6° 00 P,
 - latitudni 52° 30 T, lonġitudni 6° 00 P,
 - il-kosta tax-xlokk ta' l-Irlanda flatitudni 52° 30;
- (j) fl-1997, u kull tliet snin ta' wara, mill-ewwel Ġimgħa ta' Novembru għal perjodu ta' 16-il jum konsekuttivi ġewwa ż-żona limitata bil-koordinati li ġejjin:
- il-kosta tan-nofsinar ta' l-Irlanda flongitudni 9° 00 P,
 - latitudni 51° 15 T, lonġitudni 9° 00 P,
 - latitudni 51° 15 T, lonġitudni 11° 00 P,
 - latitudni 52° 30 T, lonġitudni 11° 00 P,
 - il-kosta tal-punent ta' l-Irlanda flatitudni 52° 30 T;
- (k) fl-1998, u kull tliet snin ta' wara, mill-ewwel Ġimgħa ta' Novembru għal perjodu ta' 16-il jum konsekuttivi ġewwa ż-żona limitata bil-koordinati li ġejjin:
- il-kosta tan-nofsinar ta' l-Irlanda flongitudni 9° 00 P,
 - latitudni 51° 15 T, lonġitudni 9° 00 P,
 - latitudni 51° 15 T, lonġitudni 7° 30 P,
 - il-kosta tan-nofsinar ta' l-Irlanda flatitudni 52° 00 T.

2. Madankollu, bastimenti jistgħu iżommu abbord kwantitajiet ta' aringi minn kull żona deskritta sakemm dawn ma jaqbżux 5 % tal-piż ħaj totali ta' l-organiżmi tal-baħar abbord li jkunu ġew maqbuda f'kull żona separata matul wieħed mill-perjodi speċifiċi.

▼B

3. Minkejja l-paragrafu 1, il-punti (f)(ii) u (h), bastimenti b'tul li ma jaqbix 12,2 metri bażati f'portijiet li jinsabu fil-kosta tal-lvant ta' l-Irlanda u ta' l-Irlanda ta' fuq bejn latitudni 53° 00' T u 55° 00' T jistgħu jżommu abbord kwantitajiet ta' aringi miż-żoni mniżżla fil-paragrafu 1, il-punti (f)(ii) u (h). L-uniku metodu ta' sajd awtorizzat għandu jkun bi xbieki tal-wiċċ bi xbieki b'toqob ta' daqs ta' 54 millimetru jew akbar.

▼M12*Artikolu 20a***Restrizzjonijiet fuq is-sajd għall-aringi fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni IIa tal-ICES**

Għandu jkun ipprobit l-iżbark jew iż-żamma abbord ta' aringi maqbudin fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni IIa tal-ICES fil-perjodi mill-1 ta' Jannar sat-28 ta' Frar u mis-16 ta' Mejju sal-31 ta' Diċembru.

▼B*L-Artikolu 21***Restrizzjonijiet fuq sajd għal sardin għall-protezzjoni tal-aringi**

1. Iż-żamma abbord ta' sardin li jinqabdu ġewwa ż-żoni ġeografiċi u matul il-perjodi msemmija hawn taħt għandha tkun projbita:

- (a) mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu, u mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru, ġewwa ż-żona ta' l-istatistika 39E8 ta' ICES. Għall-għan ta' dan ir-Regolament, din iż-żona ta' ICES għandha tkun iż-żona limitata blinja fil-lvant mill-kosta tal-lvant tar-Renju Unit matul latitudni 55° 00' T sa punt f'lonġitudni 1° 00' W, minn hemm lejn it-tramuntana għal punt f'latitudni 55° 30' T u minn hemm lejn il-punent għall-kosta tar-Renju Unit;
- (b) mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu, u mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru, ġewwa l-ibħra ta' ġewwa tal-Moray Firth fil-punent ta' lonġitudni 3° 30' P, u fl-ibħra ta' ġewwa ta' Firth of Forth fil-punent ta' lonġitudni 3° 00' P,
- (c) mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Ottubru, ġewwa ż-żona ġeografika limitata mill-koordinati segwenti:
 - il-kosta tal-punent tad-Danimarka flatitudni 55° 30' T,
 - latitudni 55° 30' T, lonġitudni 7° 00' L,
 - latitudni 57° 00' T, lonġitudni 7° 00' L,
 - il-kosta tal-punent tad-Danimarka flatitudni 57° 00' T.

2. Madankollu, bastimenti jistgħu iżommu kwantitajiet ta' sardin abbord miż-żoni deskritti, kemm-il darba dawn ma jaqbx 5 % tal-piż ħaġ totali ta' l-organiżmi tal-baħar abbord li jkun nqabdu f'kull żona separata matul il-perjodi speċifikati.

*L-Artikolu 22***Restrizzjonijiet fuq sajd għall-kavall**

1. Iż-żamma abbord ta' kavall li jinqabdu ġewwa ż-żona ġeografika limitata mill-koordinati li ġejjin għandu jkun ipprobit:

- punt fuq il-kosta tan-nofsinar tar-Renju Unit f'lonġitudni 2° 00' P,
- latitudni 49° 30' T, lonġitudni 2° 00' P,

▼B

— latitudni 49° 30 T, lonġitudni 7° 00 P,

— latitudni 52° 00 T, lonġitudni 7° 00 P,

— punt fuq il-kosta tal-punent tar-Renju Unit flatitudni 52° 00 T,

ħlief meta l-piż tal-kavalli ma jaqbiżx 15 % tal-piż ħaj tal-kwantitajiet totali ta' kavalli u organiżmi oħra tal-baħar abbord li kienu ġew maqbuda f'din iż-żona.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika:

- (a) għal bastimenti li jistadu esklussivament bi xbieki li fihom il-ħut jeħel mill-garġi u/jew sajd fuq l-id;
- (b) għal bastimenti li jistadu bi xbieki tat-tkarkir, tartaruni Daniżi jew xbieki oħra simili ta' ġbid ta' taħt l-ilma, sakemm ikollhom abbord minimu ta' 75 % f'piż ħaj ta' organiżmi tal-baħar bl-eċċezzjoni ta' l-inċova, aringi, sawrell, kavall, *cephalopods* tal-baħar miftuħ u sardin, maħdum bħala persentaġġ ta' piż ħaj totali ta' l-organiżmi tal-baħar kollha abbord;
- (c) għal bastimenti li mhumieq m'għammra għas-sajd u li għal fuqhom qegħdin jiġu trasferiti kavalli minn bastiment ieħor.

3. Il-kavalli kollha li jkunu abbord għandhom ikunu meqjusa li jkunu ġew maqbuda fiż-żona li għaliha hemm provdut bil-paragrafu 1, minbarra dawk li jkunu ġew dikjarati li jkunu abbord qabel ma l-bastiment ikun daħal f'dik iż-żona, taħt il-proċedura deskritta fis-sottoparagrafi li ġejjin.

Il-kaptan ta' bastiment li għandu l-ħsieb li jidħol f'dik iż-żona sabiex jistad, u li għandu kavalli abbord, għandu javża lill-awtorità ta' kontroll ta' l-Istat Membru li fih tinsab iż-żona li jkollu l-ħsieb li jistad fiha, bil-ħin u l-post fejn se jasal f'dik iż-żona, mhux aktar minn 36 siegħa u mhux inqas minn 24 siegħa qabel ma l-bastiment jidħol f'dik iż-żona.

Malli jidħol fiż-żona, huwa għandu jinnotifika lill-awtorità ta' kontroll kompetenti bil-kwantitajiet ta' kavalli li għandu abbord u li huma mdaħħla fil-*logbook*. Il-kaptan jista jkun mitlub li jippreżenta l-*logbook* tiegħu u l-qabdiet abbord għal verifika f'post u ħin li jkunu stabbiliti mill-awtorità ta' kontroll kompetenti. Il-ħin għandu jkun mhux aktar tard minn sitt siegħat wara li l-awtorità ta' kontroll tirċievi l-messaġġ li jinnotifika l-kwantitajiet ta' kavalli abbord u l-post għandu jkun kemm jista jkun viċin il-punt ta' dħul fiż-żona.

Il-kaptan tal-bastiment tas-sajd li jkollu l-ħsieb li jidħol f'dik iż-żona bil-ħsieb li jkollu kavalli mqiegħda fuq il-bastiment tiegħu minn fuq bastiment ieħor għandu javża lill-awtorità ta' kontroll ta' l-Istat Membru li fiż-żona tiegħu se jseħħ it-trasferiment minn bastiment għall-ieħor, bil-ħin u l-post maħsuba li jsir dan mhux aktar tard minn 36 siegħa u mhux inqas minn 24 siegħa qabel jibda t-trasferiment minn bastiment għall-ieħor. Immedjatament malli jitlesta t-trasferiment minn bastiment għal ieħor, il-kaptan għandu jinforma lill-awtorità kompetenti bil-kwantitajiet ta' kavalli li jkunu ġew trasferiti għal dak il-bastiment.

▼M6

▼ B*L-Artikolu 23***Restrizzjonijiet fuq sajd għall-inċova**

1. Iż-żamma abbord ta' inċova maqbuda bl-użu ta' xbieki tat-tkarkir pelaġiċi f'Diviżjoni VIIIċ ta' ICES jew is-sajd għal inċova b'xbieki tat-tkarkir pelaġiċi f'din id-Diviżjoni għandhom ikunu projbiti.
2. Ġewwa d-Diviżjoni riferita fil-paragrafu 1, il-ġarr abbord simultanju ta' b'xbieki tat-tkarkir pelaġiċi u ta' tartaruni magħluqin għandu jkun ipprojbit.

▼ M7▼ B*L-Artikolu 25***Restrizzjonijiet fuq sajd għal gambli biex ikun protett il-ħut ċatt**

1. Iż-żamma abbord ta' xi kwantità ta' gambli komuni u gambli Aesop maqbuda bi xbieki ta' ġbid ta' taħt l-ilma ta' kull daqs ta' toqob li jvarja bejn 16 u 31 millimetru għandu jkun ipprojbit, sakemm il-bastiment ma jkollux installat abbord apparat li jissepara ħut ċatt minn gambli komuni u gambli Aesop wara l-qabda.

▼ M5

2. Mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2002, għandu jintuża tartarun separatatur jew tartarun bi *grid* li jissepara għall-qbid ta' gambli komuni u gambli Eżopi in konformità ma' regoli dettaljati li l-Istati Membri jridu jwaqqfu b'mod konformi ma' l-Artikolu 46. Dawn ir-regoli jistgħu jkunu applikabbli biss għal xbieki rmunkati minn bastimenti tas-sajd.

▼ B

3. Madankollu, kwantitajiet ta' gambli komuni u gambli Aesop jistgħu jinżammu abbord bastimenti tas-sajd li ma jikkonformawx mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2, sakemm dawn il-kwantitajiet ma jaqbżux 5 % tal-piż nett ħaġ ta' organiżmi tal-baħar abbord.

*L-Artikolu 26***Restrizzjonijiet fuq sajd għal salamun u trota tal-baħar**

1. Salamun u trota tal-baħar ma jistgħux jinżammu abbord jew ikunu trasferiti fuq bastiment ieħor, ikunu mħotta l-art, trasportati, maħżuna, mibjugħa, murija jew imqiegħda għall-bejgħ, iżda għandhom ikunu mitfugħa lura l-baħar immedjatament malli jinqabdu:

— fl-ibħra li jinsabu barra l-limitu ta' sitt mili mkejjel mill-linji bażi ta' Stati Membri f'reġjuni 1, 2, 3 u 4,

— permezz ta' deroga mill-Artikolu 2(1), barra l-ibħra taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' l-Istati Membri fir-reġjuni 1, 2, 3, u 4, minbarra fl-ibħra taħt il-ġurisdizzjoni ta' Greenland u tal-Gżejjer Faroe,

▼B

— meta jsir sajd b'kull xibka ta' ġbid.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għal salamun u trota tal-baħar ġewwa l-Iskagerrak u Kattegat.

*L-Artikolu 27***Restrizzjonijiet fuq sajd għal *pout* tan-Norveġja sabiex ikun protett ħut tond ieħor**

1. Iż-żamma abbord ta' *pout* tan-Norveġja maqbuda b'kull apparat ta' ġbid fiż-żona limitata b'linja li tgħaqqad il-punti segwenti għandu jkun ipprobit:

— punt 56° T fil-kosta tal-lvant tar-Renju Unit sa 2° L,

— tramuntana għal 58° T, punent għal $0^{\circ} 30'$ P, tramuntana għal $59^{\circ} 15'$ T, lvant għal 1° L, tramuntana għal 60° T, punent għal lonġitudni $0^{\circ} 00'$,

— minn hemm tramuntana għal $60^{\circ} 30'$ T, punent għal kosta ta' Shetland Isles, imbagħad punent minn 60° T fuq il-kosta tal-punent ta' Shetlands għal 3° P, nofsinhar għal $58^{\circ} 30'$ T,

— u finalment punent għall-kosta tar-Renju Unit.

2. Madankollu, bastimenti jistgħu iżommu abbord kwantitajiet ta' *pout* tan-Norveġja miż-żona u maqbuda bl-apparat deskritt fil-paragrafu 1, kemm-il darba dawn ma jaqbżux 5 % tal-piż totali ta' l-organiżmi tal-baħar abbord li jkunu ġew maqbuda fiż-żona msemmija bl-apparat imsemmi.

*L-Artikolu 28***Restrizzjonijiet fuq sajd għal merluzz**

1. Sajd b'kull xibka ta' tkarkir, *seine* Daniża jew xibka ta' ġbid simili, fiż-żoni ġeografiċi u matul il-perjodi msemmija hawn taħt, għandu jkun ipprobit:

▼M6

(a) mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Jannar tas-sena ta' wara, ġewwa l-arja ġeografika ċirkondata b'linja li tgħaqqad b'mod sekwenzjali il-kordinati li ġejjin:

— latitudini $43^{\circ}46,5'$ T, lonġitudini $7^{\circ}54,4'$ P,

— latitudini $44^{\circ}1,5'$ T, lonġitudini $7^{\circ}54,4'$ P,

— latitudini $43^{\circ}25'$ T, lonġitudini $9^{\circ}12'$ P,

— latitudini $43^{\circ}10'$ T, lonġitudini $9^{\circ}12'$ P;

▼B

(ċ) mill-1 ta' Diċembru sal-aħħar ġurnata ta' Frar tas-sena ta' wara, ġewwa ż-żona ġeografika limitata b'linja li tgħaqqad il-koordinati li ġejjin:

— punt fuq il-kosta tal-punent tal-Portugall flitudni $37^{\circ} 50'$ T,

— latitudni $37^{\circ} 50'$ T, lonġitudni $9^{\circ} 08'$ P,

▼B

- latitudni 37° 00 T, lonġitudni 9° 07 P,
- punt fuq il-kosta tal-punent tal-Portugall flatitudni 37° 00 T.

2. Ġewwa ż-żoni u matul il-perjodi riferiti fil-paragrafu 1, iż-żamma abbord ta' kull xibka ta' tkarkir, *seine* Daniża jew xbieki simili ta' ġbid għandu jkun ipprobit, sakemm tali apparat ikun marbut u merfugħ bi qbil mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93.

*L-Artikolu 29***▼M6****Kondizzjonijiet applikabbli għo arja kbira tat-trobbija tal-barbun****▼B**

1. Bastimenti itwal minn tmien metri b'kollox, għandhom ikunu projbiti milli jużaw kull xibka ta' tkarkir, tartarun Daniż jew apparat simili ta' ġbid ġewwa ż-żoni ġeografiċi li ġejjin:

(a) iż-żona ġewwa 12-il mil mill-kosta ta' Franza, tramuntana ta' latitudni 51° 00 T, il-Belġju, u l-Olanda sa latitudni 53° 00 T, imkejla mil-linji bażi;

(b) iż-żona limitata b'linja li tgħaqqad il-koordinati li ġejjin:

- punt fuq il-kosta tal-punent tad-Danimarka flatitudni 57° 00 T,
- latitudni 57° 00 T, lonġitudni 7° 15 L,
- latitudni 55° 00 T, lonġitudni 7° 15 L,
- latitudni 55° 00 T, lonġitudni 7° 00 L,
- latitudni 54° 30 T, lonġitudni 7° 00 L,
- latitudni 54° 30 T, lonġitudni 7° 30 L,
- latitudni 54° 00 T, lonġitudni 7° 30 L,
- latitudni 54° 00 T, lonġitudni 6° 00 L,
- latitudni 53° 50 T, lonġitudni 6° 00 L,
- latitudni 53° 50 T, lonġitudni 5° 00 L,
- latitudni 53° 30 T, lonġitudni 5° 00 L,
- latitudni 53° 30 T, lonġitudni 4° 15 L,
- latitudni 53° 00 T, lonġitudni 4° 15 L,
- punt fuq il-kosta ta' l-Olanda flatitudni 53° 00 T;

(ċ) iż-żona ġewwa 12-il mil mill-kosta tal-punent tad-Danimarka minn latitudni 57° 00 T fit-tramuntana sal-fanal ta' Hirtshals, imkejla mil-linji bażi.

▼B

2. (a) Madankollu, bastimenti li għalihom inħareġ permess tas-sajd speċjali bi qbil ma l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1627/94 għandhom ikunu awtorizzati li jistadu fiż-żoni riferiti fil-paragrafu 1 li jużaw xbieki ta' tkarkir bit-travu. L-użu ta' kull xibka bi travu li t-tul tiegħu, jew ta' kull xbieki bi travu li t-total tat-tul tat-travu, imkejjel bħala s-somma tat-tul ta' kull travu, ikun itwal minn disa metri, jew jista jkun imtawwal għal tul itwal minn disa metri, għandu jkun ipprojbit, ħlief meta jintuża ma apparat li jkollu toqob ta' daqs ta' bejn 16 u 31 millimetru. It-tul tat-travu għandu jkun imkejjel bejn l-estremitàjiet tiegħu li jinkludu t-twaħħil kollu miegħu.
- (b) Minkejja l-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 1627/94, permessi ta' sajd speċjali għall-għanijiet murija f(a) jistgħu jkunu maħruġa għal bastimenti li jkunu itwal minn tul totali ta' tmien metri.
- (ċ) Bastimenti li għalihom ikun inħareġ permess ta' sajd speċjali kif riferit f(a) u (b) għandhom jikkonformaw mal-kriterji li ġejjin:
 - għandhom ikunu inklużi f'lista li għandha tkun provduta lill-Kummissjoni minn kull Stat Membru sabiex is-saħħa tal-magna totali tal-bastimenti f'kull lista ma taqbiżx is-saħħa tal-magni totali murija għal kull Stat Membru fl-1 ta' Jannar 1998,
 - is-saħħa tal-magna tagħhom ma taqbiżx 221 kilowatts (kW) f'xi żmien, fil-każ ta' magni b'rata mnaqqsata li ma kienux jaqbz 300 kW qabel it-tnaqqis tar-rata.
- (d) Kull bastiment individwali fil-lista jista jkun mibdul b'bastiment jew b'bastimenti oħra, kemm-il darba:
 - l-ebda tibdil ma jwassal għal żjieda fis-saħħa tal-magni totali ta' kull Stat Membru murija fl-ewwel indent ta' (ċ),
 - is-saħħa tal-magna ta' kull bastiment sostitut ma taqbiżx 221 kW f'xi ħin,
 - il-magna ta' kull bastiment sostitut ma tkunx tnaqsitilha r-rata, u
 - it-tul totali ta' kull bastiment sostitut ma jaqbiżx 24 metru.
- (e) Magna ta' kull bastiment individwali fil-lista għal kull Stat Membru tista tkun mibdula, sakemm:
 - is-sostituzzjoni ta' magna ma twassalx li s-saħħa tal-magna tal-bastiment taqbeż 221 kW f'xi ħin,
 - il-magna sostituta ma tkunx tnaqsitilha r-rata, u

▼B

— is-saħħa tal-magna sostituta ma tkunx b'tali mod li t-tibdil iwassal għal żieda fis-saħħa tal-magni totali kif murija fl-ewwel indent ta' (ċ) għal dak l-Istat Membru.

- (f) Bastimenti tas-sajd li ma jikkonformawx mal-kriterji speċifikati f'dan il-paragrafu għandu jittihdilhom il-permess speċjali tas-sajd.

3. Minkejja l-paragrafu 2(a), bastimenti li għandhom permess speċjali ta' sajd u li l-attività ewlenija tagħhom tkun is-sajd għall-gamblu komuni, għandhom jitħallew jużaw xbieki bi travi li t-total tat-tul tat-travu, imkejjel bħala s-somma tat-tul ta' kull travu, jkun itwal minn disa metri meta mħaddma b'apparat li jkollu toqob ta' daqs ta' bejn 80 u 99 millimetru, kemm-il darba ma jkunx inħareġ permess speċjali ieħor ta' sajd għal dak il-għan għal dawk il-bastimenti. Dan il-permess speċjali ieħor ta' sajd għandu jkun imġedded kull sena.

Kull bastiment jew bastimenti li għalih ikun inħareġ tali permess speċjali ta' sajd jista jkun mibdul b'bastimenti ieħor, kemm-il darba:

— il-bastiment sostitut ma jaqbiżx 70 GRT u ma jaqbiżx tul totali ta' 20 metru, jew

— is-saħħa tal-bastiment sostitut ma taqbiżx 180 kW u sakemm il-bastiment sostitut ma jaqbiżx tul totali ta' 20 metru.

Bastimenti tas-sajd li ma jibqgħux jikkonformaw mal-kriterji speċifikati f'dan il-paragrafu għandu jittihdilhom il-permess speċjali żejjed ta' sajd għal kollox.

4. (a) Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1:

— bastimenti li s-saħħa tal-magna tagħhom ma taqbiżx 221 kW f'kull ħin u, fil-każ ta' magni bir-rata mnaqqsa ma kienux jaqbz 300 kW qabel ma tnaqsitilhom ir-rata, ►**M3** għandhom jiġu awtorizzati jistadu fiż-żoni rriferiti f'dak il-paragrafu bl-użu ta' tartaruni tal-lontri li jitkarkru 'il fuq minn qiegħ il-baħar jew ta' tartaruni Daniżi ◀,

— bastimenti f'par li s-saħħa tal-magni tagħhom flimkien ma taqbiżx 221 kW f'kull ħin u, fil-każ ta' magni bir-rata mnaqqsa ma kienux jaqbz 300 kW qabel ma tnaqsitilhom ir-rata, għandhom ikunu awtorizzati li jistadu fl-inhaw msemija bl-użu ta' xbieki ta' lontri ta' taħt l-ilma.

▼M3

- (b) Madankollu, bastimenti illi l-qawwa tal-magna tagħhom taqbeż il-221 kW għandu jkollhom il-permess li jużaw tartaruni tal-lontri li jitkarkru 'l fuq minn qiegħ il-baħar jew ta' tartaruni Daniżi, jew bastimenti mżewġa illi l-qawwa tal-magni tagħhom flimkien taqbeż il-221 kW għandu jkollhom il-permess illi jużaw pari ta' tartaruni tal-lontri li jitkarkru 'l fuq minn qiegħ il-baħar, basta iżda illi:

▼B

- (i) — il-qabda ta' fjammetti u/jew sardin miżmuma abbord u maqbuda fiż-żoni msemija jikkostitwixxu mill-inqas 90 % tal-piż ħaġ totali ta' l-organiżmi tal-baħar abbord u maqbuda fiż-żoni msemija, u

▼ **B**

— il-kwantitajiet ta' barbun tat-tbajja u/jew lingwata miżmuma abbord u maqbuda fiż-żoni msemmija ma jaqbx 2 % tal-piż haġġi ta' l-organiżmi tal-baħar abbord u maqbuda fiż-żoni msemmija;

jew

(ii) ► **M3** — fil-każ ta' tartaruni tal-lontri li jtkarkru 'l fuq minn qiegħ il-baħar jew pari ta' tartaruni li jtkarkru 'l fuq minn qiegħ il-baħar, id-daqs tal-malji tax-xbiek użat huma ta' mill-inqas 100 millimetru, u ◀

— il-kwantitajiet ta' barbun tat-tbajja u/jew lingwata miżmuma abbord u maqbuda fiż-żoni msemmija ma jaqbx 5 % tal-piż ta' l-organiżmi tal-baħar abbord u maqbuda fl-imsemmija żoni;

jew

(iii) — it-toqob tax-xbieki jkunu ta' daqs ta' l-inqas 80 millimetru, u

— l-użu ta' tali toqob ta' xbieki hu ristrett għal żona ġewwa 12-il mil mill-kosta ta' Franza fit-tramuntana ta' latitudni 51° 00 N, u

— ► **M1** kwantitajiet ta' barbun tat-tbajja u/jew lingwata ◀ miżmuma abbord u maqbuda fiż-żoni msemmija, ma jaqbx 5 % tal-piż haġġi ta' l-organiżmi tal-baħar abbord u maqbuda fl-imsemmija żoni;

▼ **M3**

(iv) fil-każ tat-tartarun Daniż, id-daqs tal-malji tax-xbiek użat huma ta' mill-inqas 100 millimetru

▼ **B**

5. ► **M3** Ġewwa ż-żoni fejn ma jistgħux jintużaw tartaruni bit-travu, tartaruni tal-lontri, tartaruni tat-tkarkir għall-ħut tal-qiegħ bil-par jew tartaruni Daniżi ◀ Ġewwa żoni fejn ma jistgħux jintużaw xbieki ta' tkarkir bi travi, xbieki ta' tkarkir għal lontri jew xbieki ta' tkarkir tal-qiegħ, il-ġarr abbord ta' tali xbieki għandu jkun ipprojbit, sakemm ma jkunux marbuta u merfugħa bi qbil mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93.

6. Regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu stabbiliti bi qbil mal-proċedura dettata fl-Artikolu 48.

▼ **M12***Artikolu 29a***Għeluq ta' żona għas-sajd taċ-ċiċirell fis-subżona IV tal-ICES**

1. Għandu jkun ipprojbit li jiġi żbarkat jew jinżamm abbord ċiċirell maqbud fiż-żona ġeografika kkonfinata mill-kosta tal-lvant tal-Ingilterra u l-Iskozja, u magħluqa bit-tgħaqquq sekwenzjali mal-linji ta' rombu tal-koordinati li ġejjin, li għandhom jitkejlu bis-sistema WGS84:

— il-kosta tal-lvant tal-Ingilterra fil-latitudni 55°30' N,

— il-latitudni 55°30' N, il-lonġitudni 01°00' W,

— il-latitudni 58°00' N, il-lonġitudni 01°00' W,

— il-latitudni 58°00' N, il-lonġitudni 02°00' W,

— il-kosta tal-lvant tal-Iskozja fil-lonġitudni 02°00' W.

▼ M12

2. Għandu jkun permess sajd għal skopijiet ta' investigazzjoni xjentifika sabiex jiġu mmonitorjati l-istokk taċ-ċiċirell fiż-żona u l-effetti tal-għeluq.

▼ M10*Artikolu 29b***Restrizzjonijiet fuq is-sajd ta' l-awwist tan-Norveġja**

1. Tul il-perijodi mniżżla hawn taħt sajd b':
 - (i) tartaruni tal-qiegħ jew xbiek ta' rmunkar simili li joperaw f'kuntatt mal-qiegħ tal-baħar u
 - (ii) kavetti għandhom jiġu projbiti fiż-żoni ġeografiċi konfinati mil-linji meridjani li jgħaqqdu l-pożizzjonijiet li ġejjin kif imkejla skond l-istandard WGS84:

(a) mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Awwissu:

Latitudni 42°23'N, Lonġitudni 08°57'W

Latitudni 42°00'N, Lonġitudni 08°57'W

Latitudni 42°00'N, Lonġitudni 09°14'W

Latitudni 42°04'N, Lonġitudni 09°14'W

Latitudni 42°09'N, Lonġitudni 09°09'W

Latitudni 42°12'N, Lonġitudni 09°09'W

Latitudni 42°23'N, Lonġitudni 09°15'W

Latitudni 42°23'N, Lonġitudni 08°57'W

(b) mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Awwissu:

Latitudni 37°45' N, lonġitudni 009°00' W

Latitudni 38°10' N, lonġitudni 009°00' W

Latitudni 38°10' N, lonġitudni 009°15' W

Latitudni 37°45' N, lonġitudni 009°20' W.

2. Bħala deroga mill-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1, is-sajd b'tartaruni tal-qiegħ jew xbiek ta' rmunkar simili li joperaw f'kuntatt mal-qiegħ tal-baħar fiż-żona ġeografika u tul il-perijodu mniżżel fil-paragrafu 1(b) għandu jiġi awtorizzat bil-kondizzjoni li l-parti tal-qabda ta' awwist tan-Norveġja ma taqbiżx 2 % tal-piż totali tal-qabda.

▼ M12

3. B'deroga mill-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1, is-sajd bil-kavetti li ma jaqbdux il-ksampu għandu jkun awtorizzat fiż-żoni ġeografiċi u matul il-perjodi li jinsabu f' dak il-paragrafu.

▼ M10

4. Fiż-żoni ġeografiċi u barra l-perijodi msemminja fil-paragrafu 1, il-parti tal-qbid ta' awwist tan-Norveġja ma tistax taqbeż 5 % tal-piż totali tal-qabda.

▼ **M10**

5. Fiż-żoni ġeografiċi u barra l-perijodi mniżżla fil-paragrafu 1 l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-livelli ta' l-isforz tas-sajd b'tartaruni tal-qiegħ jew xbiek ta' rmunkar simili li joperaw f'kuntatt mal-qiegħ tal-baħar ma jaqbx il-livelli ta' l-isforz tas-sajd magħmul mid-dgħajjes ta' l-Istat Membru fil-perijodi ekwivalenti u fl-istess żoni ġeografiċi fl-2004.

6. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar il-miżuri tagħhom biex jissodisfaw l-obbligu stabbilit fil-paragrafu 5. Jekk il-Kummissjoni ssib li l-miżuri ta' l-Istat Membru ma jissodisfawx l-obbligu, hi tista' tippromponi emendi għall-miżuri. Fil-każ ta' nuqqas ta' ftehim dwar miżuri bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru konċernat il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri skond il-proċedura msemija fl-Artikolu 30 ⁽¹⁾ tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

▼ **M12***Artikolu 29c***Il-kaxxa Rockall Haddock fis-subżona VI tal-ICES**

1. Is-sajd kollu tar-Rockall haddock, għajr dak bil-konżizzjiet, għandu jiġi pprobit fiż-żoni magħluqa bit-tgħaqquq sekwenzjali mal-linji ta' rombu tal-koordinati li ġejjin, li għandhom jitkejlu bis-sistema WGS84:

— 57°00' N, 15°00' W

— 57°00' N, 14°00' W

— 56°30' N, 14°00' W

— 56°30' N, 15°00' W

— 57°00' N, 15°00' W

*Artikolu 29d***Restrizzjonijiet fuq is-sajd għall-merluzz, il-haddock u l-merlangu fis-subżona VI tal-ICES**

1. Għandu jkun ipprobit li titwettag kwalunkwe attività tas-sajd għall-merluzz, haddock u merlangu fil-parti tad-diviżjoni VIa tal-ICES li tinsab fil-lvant jew fin-nofs inhar ta' dawg il-linji ta' rombu li jgħaqqdu, b'mod sekwenzjali, il-koordinati li ġejjin u li għandhom jitkejlu bis-sistema WGS84:

— 54°30' N, 10°35' W

— 55°20' N, 09°50' W

— 55°30' N, 09°20' W

— 56°40' N, 08°55' W

— 57°00' N, 09°00' W

— 57°20' N, 09°20' W

— 57°50' N, 09°20' W

— 58°10' N, 09°00' W

⁽¹⁾ ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.

▼ **M12**

— 58°40' N, 07°40' W

— 59°00' N, 07°30' W

— 59°20' N, 06°30' W

— 59°40' N, 06°05' W

— 59°40' N, 05°30' W

— 60°00' N, 04°50' W

— 60°15' N, 04°00' W

2. Kwalunkwe bastiment tas-sajd preżenti fiż-żona msemija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jiżgura li kull irkaptu tas-sajd li jkun hemm abbord jintrabat u jiġi stivat skont l-Artikolu 47 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ⁽¹⁾.

3. B'deroga mill-paragrafu 1, għandhom ikunu permessi attivitajiet tas-sajd fiż-żona msemija fil-paragrafu 1 bl-użu ta' xbieki statiċi bil-lasti għall-użu mal-kosta, ħammiela għall-imrewħa, ħammiela għall-masklu, xliet tal-idejn, trejjix mekkanizzat, għeżula tal-mitlaq u tartaruni tax-xtut, nases u kavetti, sakemm:

- (a) l-ebda rkaptu tas-sajd għajr xbieki statiċi bil-lasti għall-użu mal-kosta, ħammiela għall-imrewħa, ħammiela għall-masklu, trejjix mekkanizzat, għeżula tal-mitlaq u tartaruni tax-xtut, nases u kavetti ma jinġarr abbord jew jintuża; u
- (b) l-ebda ħut għajr sawrell, pollakkju, saithe u salamun, jew frott tal-baħar għajr molluski u krustaċji ma jinżamm abbord, jiġi żbarkat jew jittella' l-art.

4. B'deroga mill-paragrafu 1, għandhom ikunu permessi attivitajiet tas-sajd fiż-żona msemija f'dak il-paragrafu bl-użu ta' xbieki b'malji iżgħar minn 55 millimetru, sakemm:

- (a) l-ebda xibka b'malji ta' 55 millimetru jew akbar ma tinżamm abbord; u
- (b) l-ebda ħut għajr aringi, kavalli, sardin, sardinelli, sawrell, laċċ ikħal, stokkafixx, pixxitrumbetti u argentinini ma jinżamm abbord.

5. B'deroga mill-paragrafu 1, għandhom ikunu permessi attivitajiet tas-sajd fiż-żona msemija f'dak il-paragrafu bl-użu ta' għeżula b'malji akbar minn 120 millimetru, sakemm:

- (a) jintużaw biss fiż-żona fin-nofsinar ta' 59°N;
- (b) it-tul massimu ta' għażel użat ikun ta' 20 km għal kull bastiment;
- (c) il-ħin massimu fl-ilma jkun ta' 24 siegħa; u
- (d) mhux inqas minn 5 % tal-qabda tkun magħmula mill-merlangu u l-merluzz.

⁽¹⁾ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

▼ **M12**

6. B'deroga mill-paragrafu 1, għandhom ikunu permessi attivitajiet tas-sajd fiż-żona msemmija f'dak il-paragrafu bl-użu ta' għeżula b'malji akbar minn 90 millimetru, sakemm:

- (a) huma jintużaw biss 'l ġewwa minn 3 mili nawtiċi mill-kosta u għal mhux aktar minn għaxart ijiem f'kull xahar kalendarju;
- (b) it-tul massimu ta' għażel użat ikun ta' 1 000 metru;
- (c) il-ħin massimu fl-ilma ikun ta' 24 siegħa; u
- (d) mhux inqas minn 70 % tal-qabda tkun magħmula mill-gattarell.

7. B'deroga mill-paragrafu 1, għandu jkun permess is-sajd għall-ksampu fiż-żona msemmija f' dak il-paragrafu, sakemm:

- (a) l-irkaptu tas-sajd użat jinkludi gradilja tat-tqassim skont il-punti 2 sa 5 tal-Anness XIVA jew pannell ta' malji kwadri hekk kif deskritt fl-Anness XIVc jew irkaptu ieħor b'selettività għolja ekwivalenti;
- (b) l-irkaptu tas-sajd ikun magħmul minn malji b'qies minimu ta' 80 millimetru;
- (c) mhux inqas minn 30 % skont il-piż tal-qabda miżmuma ikun ksampi;

Abbażi ta' opinjoni favorevoli mill-STEFC, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddetermina l-irkapti għandhom jitqiesu li għandhom selettività għolja ekwivalenti għall-fini tal-punt (a).

8. Il-paragrafu 7 ma għandux japplika fiż-żona magħluqa bit-tgħaqdid sekwenzjali mal-linji ta' rombu tal-koordinati li ġejjin, li għandhom jitkejlu skont is-sistema WGS84:

— 59°05' N, 06°45' W

— 59°30' N, 06°00' W

— 59°40' N, 05°00' W

— 60°00' N, 04°00' W

— 59°30' N, 04°00' W

— 59°05' N, 06°45' W

9. B'deroga mill-paragrafu 1, għandu jkun permess li jsir sajd bix-xbieki tat-tkarkir, tartaruni demersali jew irkaptu simili fiż-żona msemmija f'dak il-paragrafu sakemm:

- (a) ix-xbieki kollha abbord il-bastiment ikunu magħmula minn malji b'qies minimu ta' 120 millimetru għall-bastimenti b'tul totali ta' aktar minn 15-il metru u ta' 110 millimetru għall-bastimenti l-oħra kollha;
- (b) fejn il-qabda miżmuma abbord tinkludi inqas minn 90 % pollakkju (saithe), l-irkaptu tas-sajd użat jinkorpora pannell ta' malji kwadri kif deskritt fl-Anness XIVc; u
- (c) fejn it-tul totali tal-bastiment ikun 15-il metru jew inqas, irrispettivament mill-kwantità ta' pollakkju (saithe) li jinżammu abbord, l-irkaptu tas-sajd użat jinkorpora pannell ta' malji kwadri kif deskritt fl-Anness XIVd.

▼ **M12**

10. Mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2015 u mhux aktar tard minn kull sentejn minn dakinhar, il-Kummissjoni għandha, fid-dawl tal-parir xjentifiku mill-STECEF, tivvaluta l-karatteristiċi tal-irkaptu speċifikat fil-paragrafu 9 u, fejn adatt, tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill propożta għal emenda tal-paragrafu 9.

11. Il-paragrafu 9 ma għandux japplika fiż-żona magħluqa bit-tgħaqqid sekwenzjali mal-linji ta' rombu tal-koordinati li ġejjin, li għandhom jitkejlu skont is-sistema WGS84:

— 59°05' N, 06°45' W

— 59°30' N, 06°00' W

— 59°40' N, 05°00' W

— 60°00' N, 04°00' W

— 59°30' N, 04°00' W

— 59°05' N, 06°45' W

12. Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu, u mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru kull sena, hija għandha ttipprojbixxi t-twettiq ta' kwalunkwe attività ta' sajd bl-użu ta' kwalunkwe mill-irkaptu speċifikat fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jstabbilixxi pjan għal perijodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet⁽¹⁾ fiż-żona speċifikata fiż-żona VIa tal-ICES magħluqa bit-tgħaqqid sekwenzjali tal-linji ta' rombu tal-koordinati li ġejjin li għandhom jitkejlu bis-sistema WGS84:

— 55°25' N, 07°07' W

— 55°25' N, 07°00' W

— 55°18' N, 06°50' W

— 55°17' N, 06°50' W

— 55°17' N, 06°52' W

— 55°25' N, 07°07' W.

La l-kaptan ta' bastiment tas-sajd u lanqas persuna oħra abbord ma għandha tikkawża jew tħalli lil persuna abbord li ttipprova tistad, tiżbarka, titrasborda jew ikollha abbord ħut maqbud fiż-żona speċifikata.

13. Kull Stat Membru kkonċernat għandu jimplimenta programm ta' osservaturi abbord mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru kull sena sabiex jittieħdu kampjuni tal-qabdiet u r-rimi tal-bastimenti li jibbenefikaw mid-derogi pprovduti fil-paragrafi 5, 6, 7, u 9. Il-programmi tal-osservaturi għandhom jitwettqu mingħajr preġudizzju għall-obbligi taħt ir-regoli rispettivi u għandhom jimmiraw li jagħmlu stima tal-qabdiet u r-rimi tal-merluzz, haddock u merlangu bi preċiżjoni ta' mhux inqas minn 20 %.

14. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jipproduċu rapport dwar l-ammont totali ta' qabdiet u rimi magħmula minn bastimenti soġġetti għall-programm tal-osservaturi matul kull sena kalendarja u jibgħathu lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-1 ta' Frar tas-sena kalendarja ta' wara.

⁽¹⁾ ĠU L 348, 24.12.2008, p. 20.

▼ **M12**

15. Mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2015 u mhux aktar tard minn kull sentejn minn dakinhar, il-Kummissjoni għandha, fid-dawl tal-parir xjentifiku mill-STEFC, tivvaluta l-istat tal-istokkijiet tal-merluzz, tal-haddock u tal-merlangu fiż-żona speċifikata fil-paragrafu 1 u, fejn adatt, tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta għal emenda ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 29e***Restrizzjonijiet fuq is-sajd għall-merluzz fis-subżona VII tal-ICES**

1. Mill-1 ta' Frar sal-31 ta' Marzu kull sena, għandu jkun ipprojbit li titwettaq attività tas-sajd fis-subżona VII tal-ICES fiż-żona li tikkonsisti minn rettangoli statistiċi tal-ICES: 30E4, 31E4, 32E3. Din il-projbizzjoni ma għandhiex tapplika 'l ġewwa minn 6 mili nawtiċi mil-linja bażi.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, għandhom ikunu permessi attivitajiet ta' sajd bl-użu ta' xbieki statiċi bil-lasti għall-użu mal-kosta, ħammiela għall-imrewħa, ħammiela għall-masklu, għeżula tal-mitlaq u tartaruni tax-xtut, xliet tal-idejn, trejjix mekkanizzat, għeżula tal-mitlaq u tartaruni tax-xtut, nases u kavetti fiż-żoni u l-perjodi msemmija f'dak il-paragrafu, sakemm:

- (a) l-ebda rkaptu tas-sajd għajr xbieki statiċi bil-lasti għall-użu mal-kosta, ħammiela għall-imrewħa, ħammiela għall-masklu, għeżula tal-mitlaq u tartaruni tal-ixtut, xliet tal-idejn, trejjix mekkanizzat, nases u kavetti ma jinġarr abbord jew jintuża; u
- (b) l-ebda ħut għajr sawrell, pollakkju, salamun, jew frott tal-baħar għajr molluski u krustaċji ma jiġi żbarkat, jinżamm abbord, jew jittella' l-art.

3. B'deroga mill-paragrafu 1, għandhom ikunu permessi attivitajiet tas-sajd fiż-żona msemmija f'dak il-paragrafu bl-użu ta' xbieki b'malji iżgħar minn 55 millimetru, sakemm:

- (a) l-ebda xibka b'malji ta' 55 millimetru jew akbar ma tinżamm abbord; u
- (b) l-ebda ħut għajr aringi, kavalli, sardin, sardinelli, sawrell, laċċ ikħal, stokkafixx, pixxitrumbetti u argentini ma jinżamm abbord.

*Artikolu 29f***Regoli speċjali għall-protezzjoni tal-linarda**

1. Mill-1 ta' Marzu sal-31 ta' Mejju ta' kull sena għandu jkun ipprojbit li tinżamm abbord kwantità ta' linarda li taqbeż is-6 tunnelli għal kull vjaġġ tas-sajd fiż-żoni tad-diviżjoni VIa tal-ICES, magħluqa bit-tgħaqqid sekwenzjali mal-linji ta' rombu tal-koordinati li ġejjin, li għandhom jitkejlu bis-sistema WGS84:

- (a) It-tarf tal-blata kontinentali Skoċċiża

— 59°58' N, 07°00' W

— 59°55' N, 06°47' W

— 59°51' N, 06°28' W

▼ **M12**

- 59°45' N, 06°38' W
- 59°27' N, 06°42' W
- 59°22' N, 06°47' W
- 59°15' N, 07°15' W
- 59°07' N, 07°31' W
- 58°52' N, 07°44' W
- 58°44' N, 08°11' W
- 58°43' N, 08°27' W
- 58°28' N, 09°16' W
- 58°15' N, 09°32' W
- 58°15' N, 09°45' W
- 58°30' N, 09°45' W
- 59°30' N, 07°00' W
- 59°58' N, 07°00' W;

(b) It-tarf ta' Rosemary bank

- 60°00' N, 11°00' W
- 59°00' N, 11°00' W
- 59°00' N, 09°00' W
- 59°30' N, 09°00' W
- 59°30' N, 10°00' W
- 60°00' N, 10°00' W
- 60°00' N, 11°00' W

Mhux inkluża ż-żona magħluqa bit-tgħaqqid sekwenzjali mal-linji ta' rombu tal-koordinati li ġejjin, li għandhom jitkejlu skont is-sistema WGS84:

- 59°15' N, 10°24' W
- 59°10' N, 10°22' W
- 59°08' N, 10°07' W
- 59°11' N, 09°59' W
- 59°15' N, 09°58' W
- 59°22' N, 10°02' W
- 59°23' N, 10°11' W
- 59°20' N, 10°19' W
- 59°15' N, 10°24' W.

2. Meta jidħol u meta joħroġ miż-żoni msemmija fil-paragrafu 1, il-kaptan ta' bastiment tas-sajd għandu jirreġistra d-data, il-ħin u l-post tad-dħul u tal-partenza fil-ġurnal ta' abbord.

3. F'żona waħda jew l-oħra miż-żewġ żoni msemmija fil-paragrafu 1, jekk bastiment jilħaq is-6 tunnelli ta' linardi:

- (a) għandu jieqaf mis-sajd immedjament u joħroġ miż-żona li jinsab fiha;

▼ **M12**

(b) ma għandux jerġa' jidħol f'xi waħda miż-żoni sakemm il-qabda tiegħu tkun ġiet żbarkata;

(c) ma jistax jerġa' jifta' lura l-baħar kwalunkwe kwantità ta' linarda.

4. L-osservaturi msemija fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2347/2002 tas-16 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi ħtiġijiet speċjali ta' aċċess u kondizzjonijiet relattivi għas-sajd ta' ħażniet ta' baħar fond⁽¹⁾ li huma assenjati għall-bastimenti tas-sajd preżenti f'waħda miż-żoni msemija fil-paragrafu 1 għandhom, minbarra l-kompitu tagħhom imsemmija fil-paragrafu 4 ta' dak l-Artikolu, għal kampjuni xierqa tal-qabdiet ta' linarda, ikejlu l-ħut fil-kampjuni u jidde-terminaw l-istadju tal-maturità sesswali tal-ħut subkampjunat. Abbażi tal-parir mogħti mill-STEFC, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu protokoll dettaljati għall-kampjunar u għall-ġbir ta' riżultati.

5. Mill-15 ta' Frar sal-15 ta' April ta' kull sena, għandu jkun ipprojbit l-użu ta' xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, konzizzjiet u għeżula f'żona magħluqa bit-tgħaqdid sekwenzjali mal-linji ta' rombu tal-koordinati li ġejjin, u li għandhom jitkejlu skont is-sistema ta' koordinati WGS84:

— 60°58.76' N, 27°27.32' W

— 60°56.02' N, 27°31.16' W

— 60°59.76' N, 27°43.48' W

— 61°03.00' N, 27°39.41' W

— 60°58.76' N, 27°27.32' W.

Artikolu 29 g

Miżuri għas-sajd tar-redfish f'ilmijiet internazzjonali fis-subżoni I u II tal-ICES

1. Sajd li jimmira r-redfish f'ilmijiet internazzjonali tas-subżoni I u II tal-ICES għandu jkun permess biss fil-perjodu mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena minn bastimenti li preċedentement intużaw fis-sajd għar-redfish fiż-Żona Regolatorja tan-NEAFC, kif definit fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) Nru 1236/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2010 li jistabbilixxi skema ta' kontroll u infurzar applikabbli fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal⁽²⁾.

2. Il-bastimenti għandhom jillimitaw il-qabdiet inċidentali tagħhom tar-redfish f'sajdiet oħrajn għal massimu ta' 1 % tal-qabda totali miżmuma abbord.

3. Il-fattur ta' konverżjoni li għandu jiġi applikat għall-preżentazzjoni tal-ħuta mnaddfa u bla ras, inkluż il-preżentazzjoni fil-forma ta' qatgħa Ġappuniża, tar-redfish maqbud f'din is-sajda għandu jkun 1,70.

4. B'deroga mill-Artikolu 9(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1236/2010 il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd involuti f'din is-sajda għandhom jirrapportaw il-qabdiet tagħhom kuljum.

⁽¹⁾ ĠU L 351, 28.12.2002, p. 6.

⁽²⁾ ĠU L 348, 31.12.2010, p. 17.

▼ **M12**

5. Minbarra d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1236/2010, awtorizzazzjoni biex wieħed jistad għar-redfish għandha tkun valida biss jekk ir-rapporti trazzmessi minn bastimenti skont l-Artikolu 9(1) ta' dak ir-Regolament u jkunu rreġistrati skont l-Artikolu 9(3) tiegħu.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni xjentifika tinġabar minn osservaturi xjentifiċi abbord il-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom. Bħala minimu l-informazzjoni miġbura għandha tinkludi dejta rappreżentattiva dwar is-sess, l-età u l-kompożizzjoni skont it-tul, skont il-fond. Din l-informazzjoni għandha tkun rappurtata lill-ICES mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri.

7. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri dwar id-data li fiha s-Segretarjat tal-NEAFC ikun innotifika lill-Partijiet Kontraenti tan-NEAFC li l-qabdiet totali permissibbli (TAC) ikunu ġew eżawriti. Minn dik id-data l-Istati Membri għandhom jipprojbixxu s-sajd dirett għar-redfish minn bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom.

*Artikolu 29h***Miżuri għas-sajd tar-redfish fil-Baħar Irminger u l-ilmijiet ta' madwaru**

1. Għandu jkun ipprojbit li jinqabad ir-redfish fl-ibħra internazzjonali tas-subżona V tal-ICES u l-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni XII u XIV tal-ICES.

Permezz ta' deroga mill-ewwel subparagrafu, għandu jkun permess li jinqabad ir-redfish mill-11 ta' Mejju sal-31 ta' Diċembru fiż-żona magħluqa bit-tgħaqqid sekwenzjali mal-linji ta' rombu tal-koordinati li ġejjin, u li għandhom jitkejlu skont is-sistema WGS84 ("Iż-Żona ta' Konservazzjoni tar-Redfish"):

- 64°45' N, 28°30' W
- 62°50' N, 25°45' W
- 61°55' N, 26°45' W
- 61°00' N, 26°30' W
- 59°00' N, 30°00' W
- 59°00' N, 34°00' W
- 61°30' N, 34°00' W
- 62°50' N, 36°00' W
- 64°45' N, 28°30' W.

2. Minkejja l-paragrafu 1, jista' jiġi permess is-sajd għar-redfish, permezz ta' att legali tal-Unjoni, barra miż-Żona ta' Konservazzjoni tar-Redfish fil-Baħar Irminger u l-ilmijiet kontigwi mill-11 ta' Mejju sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena abbażi ta' parir xjentifiku u sakemm, fir-rigward tar-redfish f'dik iż-żona ġeografika, in-NEAFC tkun stabbi-liet pjan ta' rkupru. F'dan is-sajd għandhom jipparteċipaw biss bastimenti tal-Unjoni li jkunu ġew debitament awtorizzati mill-Istat Membru rispettiv tagħhom u li jkunu ġew innotifikati lill-Kummissjoni kif meħtieġ skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1236/2010.

3. Għandu jkun projbit l-użu ta' xbieki tat-tkarkir b'malji ta' inqas minn 100 millimetru.

▼M12

4. Il-fattur ta' konverżjoni li għandu jiġi applikat għall-preżentazzjoni tal-ħuta mnaddfa u bla ras, inkluż il-preżentazzjoni fil-forma ta' qatgħa Ġappuniża, tar-redfish maqbud f'din is-sajda għandu jkun 1,70.

5. Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd impenjati fis-sajda barra ż-Żona ta' Konservazzjoni tar-Redfish, għandhom jitttrażmettu r-rapport tal-qabda pprovdut fl-Artikolu 9(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1236/2010, kuljum wara li jitlestew l-operazzjonijiet tas-sajd ta' dik il-ġurnata kalendarja. Għandu jindika l-qabdiet abbord li saru mill-aħħar komunikazzjoni tal-qbid.

6. Minbarra d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1236/2010, awtorizzazzjoni biex wieħed jistad għar-redfish għandha tkun valida biss jekk ir-rapporti trażmessi minn bastimenti jkunu skont l-Artikolu 9(1) ta' dak ir-Regolament u rreġistrati skont l-Artikolu 9(3) tiegħu.

7. Ir-rapporti msemmija fil-paragrafu 6 għandhom isiru skont ir-regoli rilevanti.

▼B

IT-TITOLU V

RESTRIZZJONIJIET FUQ ĊERTI TIPI TA' SAJD U ATTIVITAJIET ASSOĊJATI*L-Artikolu 30***Restrizzjonijiet fuq l-użu ta' apparat ta' ġbid ta' taħt l-ilma**

1. Il-bastimenti għandhom ikunu pprojbiti milli jkollhom abbord jew li jużaw xi xibka ta' tkarkir bi travu li t-tul tat-travu tagħha, jew xi xbieki ta' tkarkir bit-travi li t-total tat-tul tat-travi mkejjel bħala s-somma tat-tul ta' kull travu, jkun aktar minn 24 metru jew jista jkun imtawwal għal tul ta' aktar minn 24 metru. It-tul tat-travu għandu jkun imkejjel bejn l-estremijiet tiegħu li jinkludu t-twaħħil kollu miegħu.

▼M12

1a. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għar-Reġjun 9.

▼B

2. Il-bastimenti għandhom ikunu pprojbiti mill-jużaw xbieki ta' tkarkir bi travi li d-daqs tat-toqob ikun bejn 32 u 99 millimetru, ġewwa waħda miż-żoni ġeografiċi li ġejjin:

(a) il-Baħar ta' Fuq fit-tramuntana ta' linja bejn il-punti li ġejjin:

- punt fuq il-kosta tal-lvant tar-Renju Unit f'latitudni 55° T,
- imbagħad l-avant għal latitudni 55° T, lonġitudni 5° L,
- imbagħad tramuntana għal latitudni 56° T,
- u finalment l-avant għal punt fuq il-kosta tal-punent tad-Danimarka f'latitudni 56° T;

▼M1

(b) it-Taqsima Vb ta' l-ICES u s-sub-żona VI ta' l-ICES fit-tramuntana tal-latitudni 56°T.

▼B

Ġewwa ż-żoni msemmija taħt (a) u (b), iż-żamma abbord ta' kull xibka ta' tkarkir bi travi li d-daqs tat-toqob tagħha jkun bejn 32 u 99 millimetru għandu jkun ipprojbit, sakemm tali xibka tkun marbuta u merfugħa bi qbil mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93.

▼B

3. Il-bastimenti għandhom ikunu pprojbiti mill-jużaw kull xibka ta' tkarkir għall-qbid ta' lontri, xibka ta' tkarkir f'par ta' taħt l-ilma jew *seine* Daniż li d-daqs tat-toqob tagħhom ikun bejn 80 u 99 millimetru għewwa ż-żona ġeografika stabbilita fil-paragrafu 2(a) Għewwa din iż-żona, iż-żamma abbord ta' kull xibka ta' tkarkir ta' taħt l-ilma għall-qbid ta' lontri, xibka f'par ta' taħt l-ilma jew *seine* Daniż li d-daqs tat-toqob tagħhom ikun bejn 80 u 99 millimetru għandu jkun ipprojbit, sakemm tali xibka tkun marbuta u merfugħa skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93.

▼M8

4. Bastimenti għandhom jiġu pprojbiti milli jużaw kull tartarun tal-qiegħ jew xbiek imkarkra simili li jmissu ma' qiegħ il-baħar fiż-żona li qiegħda fil-limiti ta' linja li tgħaqqad il-koordinati li ġejjin:

Latitudni 59°54' T	Lonġitudni 6°55' P
Latitudni 59°47' T	Lonġitudni 6°47' P
Latitudni 59°37' T	Lonġitudni 6°47' P
Latitudni 59°37' T	Lonġitudni 7°39' P
Latitudni 59°45' T	Lonġitudni 7°39' P
Latitudni 59°54' T	Lonġitudni 7°25' P.

▼M9

5. Il-bastimenti għandhom ikunu projbiti milli jużaw kull xibka li fiha l-ħut jeħel mill-garġi, kull xibka ta' tħabbil jew tramell tal-qiegħ f'fond ta' aktar minn 200m u kull xibka tat-tkarkir mal-qiegħ jew xbieki simili tat-tkarkir li jmissu ma' qiegħ il-baħar fiż-żoni delimitati mil-linja li tgħaqqad il-koordinati li ġejjin:

a) żona msejħa “Madeira u Kanarji”

latitudni 27° 00' T,	lonġitudni 19° 00' P
latitudni 26°00' T,	lonġitudni 15° 00' P
latitudni 29° 00' T,	lonġitudni 13° 00' P
latitudni 36° 00' T,	lonġitudni 13° 00' P
latitudni 36° 00' T,	lonġitudni 19° 00' P

b) żona msejħa “Azores”

latitudni 36° 00' T,	lonġitudni 23° 00' P
latitudni 39° 00' T,	lonġitudni 23° 00' P
latitudni 42° 00' T,	lonġitudni 26° 00' P
latitudni 42° 00' T,	lonġitudni 31° 00' P
latitudni 39° 00' T,	lonġitudni 34° 00' P
latitudni 36° 00' T,	lonġitudni 34° 00' P

▼B*L-Artikolu 31***Metodi ta' sajd mhux konvenzjonali**

1. Il-qabda ta' organiżmi tal-baħar bl-użu ta' metodi li jinkorporaw l-użu ta' esplosivi, sustanzi velenużi jew stupefaċenti jew kurrent elettriku għandu jkun ipprojbit.

▼B

2. Il-bejgħ, wiri jew tpoġġija għall-bejgħ ta' organiżmi tal-baħar maqbuda bl-użu ta' metodi li jinkorporaw l-użu ta' kull tip ta' twaddieb ta' sparar għandu jkun ipprojbit.

▼M12*Artikolu 31a***Sajd elettriku fid-diviżjonijiet IVc u IVb tal-ICES**

1. B'deroga mill-Artikolu 31, sajd bix-xibka tat-tkarkir bit-travu li juża impulsi ta' kurrent elettriku għandu jkun permess fid-diviżjonijiet IVc u IVb tal-ICES fin-nofsinar ta' linja ta' rombu li jaqbd magħha l-punti sussegwenti, li għandhom jitkejlu skont is-sistema tal-koordinati WGS84:

— punt fuq il-kosta tal-lvant tar-Renju Unit fil-latitudni 55° N,

— imbagħad lvant għal latitudni 55° N, lonġitudni 5° E,

— imbagħad tramuntana sal-latitudni 56° N,

— u fl-aħħar lejn il-lvant ta' punt mill-kosta tal-punent tad-Danimarka fuq il-latitudni 56°N.

2. Is-sajd bl-impulsi elettrici għandu jkun permess biss meta:

- (a) mhux aktar minn 5 % tal-flotta tat-tkarkir bit-travu ta' kull Stat Membru juża t-tkarkir bl-impulsi elettriċi;
- (b) il-qawwa massima tal-elettriku f'kW għal kull xibka tat-tkarkir bit-travu ma tkunx aktar mit-tul f'metri tat-travu immultiplikat b'1,25;
- (c) il-vultaġġ effettiv bejn l-elettrodi ma jkunx aktar minn 15V;
- (d) il-bastiment ikun mgħammar b'sistema ta' ġestjoni kompjuterizzata awtomatika li tirreġistra l-qawwa massima użata għal kull travu u l-vultaġġ attwali bejn l-elettrodi għal mill-inqas l-aħħar 100 ġibda. Mhuwex possibli li persunal mhux awtorizzat jimmodifika din is-sistema awtomatika ta' ġestjoni kompjuterizzata;
- (e) għandu jkun ipprojbit l-użu ta' tickler chain waħda jew aktar quddiem iz-zappapied.

▼B*L-Artikolu 32***Restrizzjonijiet fuq l-użu ta' tagħmir ta' għażla awtomatiku**

1. Iż-żamma jew l-użu abbord ta' bastiment tas-sajd ta' tagħmir li jkun jista' jagħżel awtomatikament, aringi jew sawrell jew kavalli, skond id-daqs jew skond is-sess għandu jkun ipprojbit.

2. Madankollu, il-ġarr u l-użu ta' tali tagħmir għandu jkun permess kemm-il darba:

- (a) il-bastiment ma jġorrx jew ma jużax abbord f'ħin simultanju apparat ta' għid ta' daqs ta' toqob inqas minn 70 millimetru jew purse *seine* waħda jew aktar jew apparat tas-sajd simili;

jew

▼B

- (b) (i) il-qabda kollha li tkun tista tinżamm abbord bil-liġi tkun maħżuna fi stat friżat, il-ħut magħżul ikun iffriżat immedjata-ment wara li jintagħżel u l-ebda ħut magħżul ma jkun mitfugħ lura l-baħar minbarra kif meħtieġ bl-Artikolu 19;

u

- (ii) it-tagħmir ikun installat u miżmum fuq il-bastiment b'tali mod sabiex jassigura friżar immedjat u li ma jħallix it-tfiegħ lura fil-baħar ta' organiżmi tal-baħar.

3. Kull bastiment awtorizzat fil-Baltiku, Belts jew Sound jista jgħorr tagħmir ta' għażla awtomatiku fil-Kattegat sakemm ikun maħruġ permess speċjali tas-sajd għal dak l-effett.

Il-permess speċjali tas-sajd għandu jiddefinixxi l-ispeċi, l-iinhawi, il-perjodi ta' żmien u kull kondizzjoni oħra applikabbli għall-użu u l-ġarr abbord tat-tagħmir ta' għażla.

▼M12*Artikolu 32a*

Ġestjoni tal-qabdiet u restrizzjonijiet fuq ir-rimi lura tal-ħut fuq bastimenti tas-sajd għall-ħut pelaġiku

1. L-isparju massimu bejn il-vireg fis-separatur tal-ilma abbord bastimenti li jistadu għall-ħut pelaġiku u li għandhom fil-mira l-kavalli, l-aringi u s-sawrell u li joperaw fiż-Żona tal-Konvenzjoni tan-NEAFC hekk kif definit fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 1236/2010 għandu jkun 10 millimetri.

Il-vireg għandhom jiġu wweldjati f'posthom. Jekk fis-separatur tal-ilma jintużaw toqob minflok vireg, id-dijametru massimu tat-toqob ma għandux jaqbeż 10 millimetri. Toqob fiż-żrieraq li jkunu quddiem is-separatur tal-ilma ma għandux ikollhom dijametru akbar minn 15-il millimetru.

2. Il-possibbiltà ta' rimi lura ta' ħut taħt il-livell tal-ilma tal-bastiment minn tankijiet li jarmu bil-mod (buffer tanks) jew minn tankijiet tal-ilma baħar refriġerat (Refrigerated seawater — RSW) għandha tiġi pprojbita għall-bastimenti kollha tas-sajd pelaġiku li joperaw fiż-Żona ta' Konvenzjoni tan-NEAFC.

3. It-tpiġġijiet marbuta mal-ġestjoni tal-qabdiet u mal-kapaċitajiet ta' rimi lura ta' ħut tal-bastimenti tas-sajd għall-ħut pelaġiku li jimmiraw il-kavalli, l-aringi u s-sawrell fiż-Żona ta' Konvenzjoni tan-NEAFC, u li huma ċertifikati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-bandiera, kif ukoll kwalunkwe modifika li ssirilhom għandhom jintbagħtu mill-kaptan tal-bastiment lill-awtoritajiet kompetenti tas-sajd tal-Istat Membru tal-bandiera. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera tal-bastimenti għandhom iwettqu verifiki perjodiċi tal-livell ta' preċiżjoni tat-tpiġġijiet ippreżentati. Fuq il-bastiment għandhom dejjem jinżammu kopji.

▼M7**▼B***L-Artikolu 34*

Restrizzjonijiet fuq attivitajiet tas-sajd fiż-żona tat-12-il mil madwar ir-Renju Unit u l-Irlanda

1. Bastimenti għandhom ikunu pprojbiti milli jużaw xi xbieki bit-travu ġewwa ż-żoni fi 12-il mil mill-kosti tar-Renju Unit u l-Irlanda, imkejla mill-linji bażi minn fejn ikunu mkejla l-ibħra teritorjali.

▼B

2. Madankollu, bastimenti f'xi waħda mill-kategoriji li ġejjin huma awtorizzati li jistadu fl-iinhawi riferiti fil-paragrafu 1 bl-użu ta' xbieki bit-travu:

- (a) bastiment li beda jaħdem qabel l-1 ta' Jannar 1987, u li s-saħħa tal-magna tiegħu ma taqbiżx 221kW, u fil-każ ta' magni b'rata mnaqqa, li ma kienux jaqbżu 300 kW qabel ma tnaqsitilhom ir-rata;
- (b) bastiment li beda jaħdem wara l-31 ta' Diċembru 1986 li l-magna tiegħu m'għandhiex rata mnaqqa, li s-saħħa tal-magna tiegħu ma taqbiżx 221kW, u li t-tul totali ma jaqbix 24 metru;
- (c) bastiment li kellu l-magna tiegħu mibdula wara il-31 ta' Diċembru 1986 b'magna li m'għandhiex rata mnaqqa u li s-saħħa tagħha ma taqbiżx 221 kW.

3. Minkejja l-paragrafu 2, l-użu ta' xi xibka bit-travu li t-tul tat-travu tagħha, jew ta' xi xibka bit-travu li t-tul tat-travu totali, imkejjel b'ħala s-somma tat-tul ta' kull travu, jkun akbar minn disa metri jew li jistajkun imtawwal għal tul itwal minn disa metri, għandu jkun ipprobit, minbarra meta ssir ħidma b'apparat li jkollu daqs ta' toqob ta' bejn 16 u 31-il millimetru. It-tul tat-travu għandu jkun imkejjel bejn l-estrem-tajiet tiegħu li jinkludu t-twaħħil kollu miegħu.

4. Bastimenti tas-sajd li ma jikkonformawx mal-kriterji speċifikati fil-paragrafi 2 u 3 m'għandhomx jitħallew jieħdu sehem fl-attivitàjiet tas-sajd riferiti f'dawk il-paragrafi.

5. Bastimenti li ma jistgħux jużaw xibka bi travi għandhom ikunu pprojbiti milli jgħorru tali xbieki abbord ġewwa ż-żoni riferiti f'dan l-Artikolu, sakemm ma jkunux marbuta u merfugħa skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93.

6. Regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu mfassla skond il-proċedura dettata fl-Artikolu 48.

▼M12*Artikolu 34a***Miżuri tekniċi għall-konservazzjoni fil-Baħar Irlandiż**

1. Mill-14 ta' Frar sat-30 ta' April, ma għandux ikun permess l-użu ta' kwalunkwe xibka demersali, tartarun jew xbieki simili li jinġibdu, kwalunkwe għażel, parit, xbieki tat-tħabbil, xbieki statiċi simili jew kwalunkwe rkaptu tas-sajd bis-snanar f'dik il-parti tad-diviżjoni VIIa tal-ICES magħluqa kif ġej:

— il-kosta tal-lvant tal-Irlanda u l-kosta tal-lvant tal-Irlanda ta' Fuq, u

— linji dritti li jgħaqqdu sekwenzjalment il-koordinati ġeografiċi li ġejjin:

— punt fuq il-kosta tal-lvant tal-peniżola tal-Ards fl-Irlanda ta' Fuq f'54° 30' N,

— 54° 30' N, 04° 50' W,

— 53° 15' N, 04° 50' W,

— punt fuq il-kosta tal-lvant tal-Irlanda f'53°15' N.

▼ **M12**

2. B'deroga mill-paragrafu 1, fiż-żona u l-perjodu msemmi f' dak il-paragrafu:

(a) l-użu tal-għeżula tat-tkarkir demersali għandu jkun permess sakemm ma jinżamm abbord l-ebda tip ieħor ta' rkaptu tas-sajd u li tali xbieki:

- ikollhom malji ta' daqs li jvarja minn 70 sa 79 millimetru, jew minn 80 sa 99 millimetru,
- ikun ta' wieħed biss mill-limiti ta' qisien il-malji permessi,
- ma jinkorporaw l-ebda malji individwali ta' aktar minn 300 millimetru, ikun xi jkun posthom max-xibka, u
- jintużaw biss fiż-żona magħluqa bit-tgħaqqid sekwenzjali mal-linji ta' rombu tal-koordinati ġeografiċi li ġejjin, u li għandhom jitkejlu skont is-sistema ta' koordinati WGS84:
 - 53°30' N, 05°30' W
 - 53°30' N, 05°20' W
 - 54°20' N, 04°50' W
 - 54°30' N, 05°10' W
 - 54°30' N, 05°20' W
 - 54°00' N, 05°50' W
 - 54°00' N, 06°10' W
 - 53°45' N, 06°10' W
 - 53°45' N, 05°30' W
 - 53°30' N, 05°30' W;

(b) l-użu ta' kwalunkwe xibka demersali, tartarun jew xbieki simili li jinġibdu b'pannell separatur jew bi gradilja selettiva għandu jkun permess sakemm l-ebda tip ta' rkaptu tas-sajd ieħor ma jinżamm abbord u li tali xbieki:

- jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stipulati fil-punt (a),
- fil-każ ta' pannell separatur, ikunu magħmulu skont id-dettalji tekniċi pprovduti fl-Anness tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 254/2002 tat-12 ta' Frar 2002 li jistabbilixxi miżuri applikabbli fl-2002 għall-irkupru ta' l-istokk tal-merluzz fil-Baħar Irlandiż (iż-żona ICES VIIa) ⁽¹⁾, u
- fil-każ ta' gradilja selettiva, ikunu f'konformità mal-punti 2 sa 5 tal-Anness XIVa għal dan ir-Regolament;

(c) l-użu ta' kwalunkwe xibka demersali, tartarun jew xbieki simili li jinġibdu b'pannell separatur jew bi gradilja selettiva għandu jkun permess ukoll fiż-żona magħluqa bit-tgħaqqid sekwenzjali mal-linji ta' rombu tal-koordinati li ġejjin, u li għandhom jitkejlu skont is-sistema ta' koordinati WGS84:

- 53°45' N, 06°00' W
- 53°45' N, 05°30' W
- 53°30' N, 05°30' W
- 53°30' N, 06°00' W
- 53°45' N, 06°00' W.

⁽¹⁾ ĠU L 41, 13.2.2002, p. 1.

▼ **M12***Artikolu 34b***L-użu tal-għeżula fid-diviżjonijiet IIIa, IVa, Vb, VIa, VIb, VIIb, c, j u k tal-ICES u s-subżoni VIII, IX, X u XII tal-ICES fil-lvant ta' 27° W**

1. Bastimenti tal-Unjoni ma għandhomx jużaw għeżula tal-qiegħ, xbieki tat-tħabbil u pariti fi kwalunkwe pożizzjoni li l-fond tagħha huwa aktar minn 200 metru fid-diviżjonijiet IIIa, IVa, Vb, VIa, VIb, VII b, c, j, k tal-ICES u fis-subżoni VIII, IX u X u XII tal-ICES fil-lvant ta' 27° W.

2. B'deroga mill-paragrafu 1 għandu jkun permess l-użu tal-irkaptu li ġej:

- (a) Għeżula fid-diviżjonijiet IIIa, IVa, Vb, VIa, VIb, VII b, c, j, k tal-ICES u s-subżona XII tal-ICES fil-lvant ta' 27° W b'daqs tal-malji ekwivalenti għal 120 millimetru jew aktar u inqas minn 150 mm, għeżula fid-diviżjonijiet VIIIa, b, d tal-ICES u s-subżona X tal-ICES bid-daqs tal-malji ekwivalenti għal 100 millimetru jew aktar u inqas minn 130 millimetru u l-għeżula fid-diviżjonijiet VIIIC tal-ICES u s-subżona IX tal-ICES bid-daqs tal-malji ekwivalenti għal 80 millimetru jew aktar u inqas minn 110 millimetru sakemm:

— jintużaw filmijiet li l-fond tagħhom fuq il-mappa huwa inqas minn 600 metru,

— ikunu ta' mhux aktar minn 100 malja fond, u jkollhom proporzjon tad-dendil ta' mhux anqas minn 0,5,

— ikunu armati b'sufruni jew oġġetti oħra li jżommuhom fil-wieċ,

— ikunu ta' tul massimu ta' 5 mili nawtiċi, u t-tul totali tax-xbieki kollha użati f'waqt wieħed ma għandux jaqbeż il-25 km għal kull bastiment,

— il-ħin massimu fl-ilma jkun ta' 24 siegħa;

- (b) Xbieki tat-tħabbil fejn il-qies tal-malji jkun ekwivalenti għal 250 millimetru jew aktar, sakemm:

— jintużaw filmijiet li l-fond tagħhom fuq il-mappa huwa inqas minn 600 metru,

— ikunu ta' mhux aktar minn 15 malja fond, u jkollhom proporzjon tad-dendil ta' mhux anqas minn 0,33,

— ma jkunux armati b'sufruni jew oġġetti oħra li jżommuhom fil-wieċ,

— kull waħda għandha tkun ta' tul massimu ta' 10 km, u t-tul totali tax-xbieki kollha użati f'waqt wieħed ma jaqbix il-100 km għal kull bastiment.

— Il-ħin massimu fl-ilma jkun ta' 72 siegħa;

- (c) Għeżula fid-diviżjonijiet IIIa, IVa, Vb, VIa, VIb, VIIb, c, j, k tal-ICES u s-subżona XII tal-ICES fil-lvant ta' 27° W, bid-daqs tal-malji ekwivalenti għal 100 millimetru jew aktar u inqas minn 130 millimetru sakemm:

— dawn jintużaw filmijiet li l-fond tagħhom fuq il-mappa huwa aktar minn 200 metru u inqas minn 600 metru fond,

▼ **M12**

- ikunu ta' mhux aktar minn 100 malja fond, u j kollhom proporzjon tad-dendil ta' mhux anqas minn 0,5,
 - ikunu armati b'sufruni jew oġġetti oħra li jżommuhom fil-wieċ,
 - kull xibka tkun ta' tul massimu ta' erba' mili nawtiċi, u t-tul totali tax-xbieki kollha użati f'waqt wieħed ma jaqbiżx l-20 km għal kull bastiment,
 - il-ħin massimu fl-ilma jkun ta' 24 siegħa,
 - mhux inqas minn 85 % skont il-piż tal-qabda miżmuma tkun marlozz,
 - l-għadd ta' bastimenti li jkunu qed jipparteċipaw fis-sajd ma jiżdiedx aktar mil-livell irreġistrat fl-2008,
 - il-kaptan tal-bastiment li jkun qed jieħu sehem f'din is-sajda għandu jirreġistra fil-ġurnal ta' abbord, qabel ma jħalli l-port, il-kwantità u t-tul totali tal-irkaptu li jkun qed jinġarr abbord il-bastiment. tal-inqas ta' 15 % tal-partenzi għandhom ikun soġġetti għal spezzjoni,
 - il-kaptan tal-bastiment jkollu 90 % tal-irkaptu abbord kif ivverifikat fil-ġurnal ta' abbord tal-Unjoni għal dak il-vjaġġ fil-ħin tal-iżbark, u
 - il-kwantità tal-ispeċi kollha maqbuda akbar minn 50 kg, inklużi l-kwantitajiet kollha akbar minn 50 kg mormija, jiġu rreġistrati fil-ġurnal ta' abbord tal-Unjoni.
- (d) Xbieki tat-tħabbil fis-subżona IX tal-ICES bil-qies tal-malji ekwivalenti għal 220 millimetru jew aktar, sakemm:
- jintużaw filmijiet li l-fond tagħhom fuq il-mappa huwa inqas minn 600 metru,
 - ikunu ta' mhux aktar minn 30 malja fond, u jkollhom proporzjon tad-dendil ta' mhux anqas minn 0,44,
 - ma jkunux armati b'sufruni jew oġġetti oħra li jżommuhom fil-wieċ,
 - kull waħda tkun ta' tul massimu ta' 5 km; It-tul totali tax-xbieki kollha użati f'waqt wieħed ma jaqbiżx l-20 km għal kull bastiment,
 - il-ħin massimu fl-ilma jkun ta' 72 siegħa.
3. Madankollu, din id-deroga ma għandhiex tapplika fiż-Żona Regolatorja tan-NEAFC.
4. Il-bastimenti kollha li jużaw għeżula tal-qiegħ, xbieki tat-tħabbil jew pariti fi kwalunkwe pożizzjoni fejn il-fond fuq il-mappa huwa aktar minn 200 metru fid-diviżjonijiet IIIa, IVa, Vb, VIa, VIb, VII b, c, j, k tal-ICES u fis-subżoni XII tal-ICES fil-lvant ta' 27° W, VIII, IX u X, għandu jkollhom awtorizzazzjoni tas-sajd skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.
5. Wieħed biss mit-tipi ta' rkapti deskritti fil-paragrafu 2(a), (b) jew (d) għandu jinżamm abbord il-bastiment fi kwalunkwe ħin. Il-bastimenti jistgħu jgħorru abbord xbieki b'tul totali li jkun 20 % aktar mit-tul massimu tal-flotot li jistgħu jintużaw fi kwalunkwe ħin.

▼ **M12**

6. Il-kaptan ta' bastiment b'awtorizzazzjoni tas-sajd imsemmija fil-paragrafu 4 għandu jirreġistra fil-ġurnal ta' abbord l-ammont u t-tulijiet tal-irkaptu li jkun qed jinġarr mill-bastiment qabel ma jitlaq mill-port u meta jidħol lura fil-port, u għandu jqis kwalunkwe diskrepanza bejn iż-żewġ kwantitajiet.

7. L-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom id-dritt li jneħħu mill-baħar irkaptu mitluq waħdu fid-diviżjonijiet IIIa, IVa, Vb, VIa, VIb, VII b, c, j u k tal-ICES u s-subżoni XII tal-ICES fil-lvant ta' 27° W, fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

- (a) l-irkaptu ma jkunx immarkat kif xieraq;
- (b) il-marki tal-bagi jew id-dejta tal-VMS jindikaw li s-sid ma kienx jinsab f'distanza ta' inqas minn 100 mil nawtiku mill-irkaptu għal aktar minn 120 siegħa;
- (c) l-irkaptu jintuża f'ilmiġġiet b'fond, li fuq il-mappa, ikun aktar minn dak permess;
- (d) l-irkaptu huwa b'malji ta' qies illegali.

8. Il-kaptan ta' bastiment b'awtorizzazzjoni tas-sajd imsemmija fil-paragrafu 4 għandu jirreġistra fil-ġurnal ta' abbord, matul kull vjaġġ tas-sajd, l-informazzjoni li ġejja:

- il-qies tal-malji tax-xibka użata,
- it-tul nominali ta' xibka waħda,
- l-għadd ta' xbieki fi flotta,
- l-għadd totali ta' flotot użati,
- il-pożizzjoni ta' kull flotta użata,
- il-fond ta' kull flotta użata,
- il-ħin fl-ilma ta' kull flotta użata,
- il-kwantità ta' kwalunkwe rkaptu mitluf, l-aħħar pożizzjoni magħrufa tiegħu u d-data meta ntilef.

9. Bastimenti li jistadu b'awtorizzazzjoni tas-sajd imsemmija fil-paragrafu 4 għandhom jitħallew iħottu l-art fil-portijiet magħżula mill-Istati Membri biss skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 2347/2002.

10. Il-kwantità ta' klieb il-baħar miżmuma abbord minn kwalunkwe bastiment li juża t-tip ta' irkaptu deskritt fil-paragrafu 2(b) u (d) ma għandhiex tkun aktar minn 5 % ta' piż ħaj tal-kwantità totali tal-organiżmi tal-baħar miżmuma abbord.

11. Il-Kummissjoni tista' tadotta, wara konsultazzjoni mal-STEFC, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, li teskludi sajd speċifiku ta' Stat Membru, fis-subżoni VIII, IX u X tal-ICES, mill-applikazzjoni tal-paragrafi 1 sa 9, fejn l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri turi li dak is-sajd jirriżulta f'livell baxx ħafna ta' qabdiet inċidentali ta' klieb il-baħar u ta' rimi.

▼ **M12***Artikolu 34c***Kondizzjoni għas-sajd bl-użu ta' ċertu rkaptu miġbud awtorizzat fil-Bajja ta' Biscay**

1. B'deroga mid-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 494/2002 tad-19 ta' Marzu 2002 li jistabbilixxi miżuri tekniċi addizzjonali għall-irkupru tal-ħażniet ta' marlozz fis-sub-żoni ICES III, IV, V, VI u VII u t-taqsimiet ICES VIII a, b, d u e ⁽¹⁾, għandu jkun permess li ssir attività tas-sajd bl-użu ta' xbieki tat-tkarkir, tartaruni Daniżi u rkaptu simili, għajr xbieki tat-tkarkir bit-travu b'malji ta' daqs li jvarja minn 70 sa 99 mm fiż-żona definita fl-Artikolu 5(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 494/2002 jekk l-irkaptu jkun mgħammar b'pannell bil-malji kwadri skont l-Anness XIVb.

2. Meta jsir is-sajd fid-diviżjonijiet VIII a u b tal-ICES, għandu jkun permess l-użu ta' gradilja selettiva u dak li jiġi konness magħha quddiem il-manka u/jew pannell ta' malji kwadri b'daqs tal-malji ekwi-valenti għal jew aktar minn 60 millimetru fil-parti ta' taħt tal-biċċa ta' estensjoni quddiem il-manka. Id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(1), l-Artikolu 6 u l-Artikolu 9(1) ta' dan ir-Regolament u fl-Artikolu 3(a) u (b) tar-Regolament (KE) Nru 494/2002 ma għandhomx japplikaw għas-sezzjoni tax-xibka tat-tkarkir li fiha jiddaħħal dak it-tagħmir selettiv.

*Artikolu 34d***Miżuri għall-protezzjoni ta' habitats vulnerabbli tal-baħar fond fiż-Żona Regulatorja tan-NEAFC**

1. Għandu jkun ipprojbit it-tkarkir tal-qiegħ u s-sajd b'irkaptu statiku, inklużi għeżula u konzijiet tal-qiegħ, f'żoni magħluqa bit-tgħaqqid sekwenzjali tal-linji ta' rombu tal-koordinati li ġejjin, li għandhom jitkejlu skont is-sistema tal-koordinati WGS84:

Parti mir-Reykjanes Ridge:

— 55°04.5327' N, 36°49.0135' W

— 55°05.4804' N, 35°58.9784' W

— 54°58.9914' N, 34°41.3634' W

— 54°41.1841' N, 34°00.0514' W

— 54°00' N, 34°00' W

— 53°54.6406' N, 34°49.9842' W

— 53°58.9668' N, 36°39.1260' W

— 55°04.5327' N, 36°49.0135' W

Iż-żona MAR tat-tramuntana:

— 59°45' N, 33°30' W

— 57°30' N, 27°30' W

— 56°45' N, 28°30' W

— 59°15' N, 34°30' W

— 59°45' N, 33°30' W

⁽¹⁾ ĠU L 77, 20.3.2002, p. 8.

▼ M12

Iż-żona MAR tan-nofs (iż-żona Charlie-Gibbs Fracture u r-Reġjun Frontali Subpolari):

- 53°30' N, 38°00' W
- 53°30' N, 36°49' W
- 55°04.5327' N, 36°49' W
- 54°58.9914' N, 34°41.3634' W
- 54°41.1841' N, 34°00' W
- 53°30' N, 30°00' W
- 51°30' N, 28°00' W
- 49°00' N, 26°30' W
- 49°00' N, 30°30' W
- 51°30' N, 32°00' W
- 51°30' N, 38°00' W
- 53°30' N, 38°00' W

Iż-żona MAR tan-nofsinhar:

- 44°30' N, 30°30' W
- 44°30' N, 27°00' W
- 43°15' N, 27°15' W
- 43°15' N, 31°00' W
- 44°30' N, 30°30' W

L-Altair Seamounts:

- 45°00' N, 34°35' W
- 45°00' N, 33°45' W
- 44°25' N, 33°45' W
- 44°25' N, 34°35' W
- 45°00' N, 34°35' W

L-Antialtair Seamounts:

- 43°45' N, 22°50' W
- 43°45' N, 22°05' W
- 43°25' N, 22°05' W
- 43°25' N, 22°50' W
- 43°45' N, 22°50' W

▼ M12

Hatton Bank:

- 59°26' N, 14°30' W
- 59°12' N, 15°08' W
- 59°01' N, 17°00' W
- 58°50' N, 17°38' W
- 58°30' N, 17°52' W
- 58°30' N, 18°22' W
- 58°03' N, 18°22' W
- 58°03' N, 17°30' W
- 57°55' N, 17°30' W
- 57°45' N, 19°15' W
- 58°11.15' N, 18°57.51' W
- 58°11.57' N, 19°11.97' W
- 58°27.75' N, 19°11.65' W
- 58°39.09' N, 19°14.28' W
- 58°38.11' N, 19°01.29' W
- 58°53.14' N, 18°43.54' W
- 59°00.29' N, 18°01.31' W
- 59°08.01' N, 17°49.31' W
- 59°08.75' N, 18°01.47' W
- 59°15.16' N, 18°01.56' W
- 59°24.17' N, 17°31.22' W
- 59°21.77' N, 17°15.36' W
- 59°26.91' N, 17°01.66' W
- 59°42.69' N, 16°45.96' W
- 59°20.97' N, 15°44.75' W
- 59°21' N, 15°40' W
- 59°26' N, 14°30' W

North West Rockall:

- 57°00' N, 14°53' W
- 57°37' N, 14°42' W
- 57°55' N, 14°24' W
- 58°15' N, 13°50' W
- 57°57' N, 13°09' W
- 57°50' N, 13°14' W
- 57°57' N, 13°45' W
- 57°49' N, 14°06' W
- 57°29' N, 14°19' W
- 57°22' N, 14°19' W

▼M12

— 57°00' N, 14°34' W

— 56°56' N, 14°36' W

— 56°56' N, 14°51' W

— 57°00' N, 14°53' W

South-West Rockall (Empress of Britain Bank);

— 56°24' N, 15°37' W

— 56°21' N, 14°58' W

— 56°04' N, 15°10' W

— 55°51' N, 15°37' W

— 56°10' N, 15°52' W

— 56°24' N, 15°37' W

Logachev Mound:

— 55°17' N, 16°10' W

— 55°34' N, 15°07' W

— 55°50' N, 15°15' W

— 55°33' N, 16°16' W

— 55°17' N, 16°10' W

West Rockall Mound:

— 57°20' N, 16°30' W

— 57°05' N, 15°58' W

— 56°21' N, 17°17' W

— 56°40' N, 17°50' W

— 57°20' N, 16°30' W

2. Meta, waqt operazzjonijiet tas-sajd f'żoni ġodda u eżistenti għas-sajd tal-qiegħ fiż-Żona Regolata min-NEAFC, il-kwantità ta' qroll ħaj u sponoż ħajjin maqbuda għal kull irkaptu taqbeż 60 kg ta' qroll ħaj u/jew 800 kg ta' sponoż ħajjin, il-bastiment għandu jinforma lill-Istat tiegħu tal-bandiera, iwaqqaf is-sajd u jimxi tal-anqas 2 mili nawtiċi 'l bogħod mill-pożizzjoni fejn l-evidenza turi li hija l-eqreb għall-pożizzjoni eżatta fejn saret il-qabda.

Artikolu 34e

Miżuri għall-protezzjoni ta' habitats vulnerabbli tal-baħar fond fid-diviżjonijiet VIIc, j u k tal-ICES

1. Għandu jkun ipprojbit it-tkarkir u s-sajd b'irkaptu statiku, inklużi għeżula u konzizzjiet tal-qiegħ, f'żoni magħluqa bit-tgħaqqid f'sekwenza tal-linji rombu tal-koordinati sussegwenti, li għandhom jitkejlu skont is-sistema tal-koordinati WGS84:

Il-Provinċja tal-Belġica Mound:

— 51°29.4' N, 11°51.6' W

— 51°32.4' N, 11°41.4' W

— 51°15.6' N, 11°33.0' W

— 51°13.8' N, 11°44.4' W

— 51°29.4' N, 11°51.6' W

▼ M12

Il-Provinċja tal-Hovland Mound:

- 52°16.2' N, 13°12.6' W
- 52°24.0' N, 12°58.2' W
- 52°16.8' N, 12°54.0' W
- 52°16.8' N, 12°29.4' W
- 52°04.2' N, 12°29.4' W
- 52°04.2' N, 12°52.8' W
- 52°09.0' N, 12°56.4' W
- 52°09.0' N, 13°10.8' W
- 52°16.2' N, 13°12.6' W

Il-Majjistral tal-Porcupine Bank iż-Żona I:

- 53°30.6' N, 14°32.4' W
- 53°35.4' N, 14°27.6' W
- 53°40.8' N, 14°15.6' W
- 53°34.2' N, 14°11.4' W
- 53°31.8' N, 14°14.4' W
- 53°24.0' N, 14°28.8' W
- 53°30.6' N, 14°32.4' W

Il-Majjistral tal-Porcupine Bank iż-Żona II;

- 53°43.2' N, 14°10.8' W
- 53°51.6' N, 13°53.4' W
- 53°45.6' N, 13°49.8' W
- 53°36.6' N, 14°07.2' W
- 53°43.2' N, 14°10.8' W

Il-Lbiċ tal-Porcupine Bank

- 51°54.6' N, 15°07.2' W
- 51°54.6' N, 14°55.2' W
- 51°42.0' N, 14°55.2' W
- 51°42.0' N, 15°10.2' W
- 51°49.2' N, 15°06.0' W
- 51°54.6' N, 15°07.2' W

2. Il-bastimenti kollha li jistadu għall-ħut pelaġiku fiż-żoni ta' protezzjoni tal-habitats vulnerabbli tal-baħar fond stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu fuq lista ta' bastimenti awtorizzati u tinħarġilhom awtorizzazzjoni speċjali tas-sajd skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 li għandha tinżamm abbord. Il-bastimenti inklużi fil-lista ta' bastimenti awtorizzati għandhom iġorru abbord irkaptu esklussivament pelaġiku.

▼ **M12**

3. Il-bastimenti li jistadu għall-ħut pelaġiku li biħsiebhom jistadu f'żona ta' protezzjoni tal-habitats vulnerabbli tal-baħar fond hekk kif stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jagħtu notifikazzjoni minn qabel ta' erba' sigħat dwar il-ħsieb tagħhom li jidħlu f'żona ta' protezzjoni tal-habitats vulnerabbli tal-baħar fond liċ-Ċentru tal-Monitoraġġ tas-Sajd Irlandiż (FMC) hekk kif definit fl-Artikolu 4(15) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009. Fl-istess waqt għandhom jinnotifikaw il-kwantitajiet ta' ħut miżmuma abbord.

4. Il-bastimenti li jistadu għall-ħut pelaġiku li biħsiebhom jistadu f'żona ta' protezzjoni tal-habitats vulnerabbli tal-baħar fond hekk kif stabbilit fil-paragrafu 1 għandu jkollhom Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti (VMS) operazzjonali u li tiffunzjona kompletament, li tikkonforma mar-regoli rispettivi meta jkunu preżenti f'żona ta' protezzjoni tal-habitats vulnerabbli tal-baħar fond.

5. Il-bastimenti li jistadu għall-ħut pelaġiku li jistadu f'żona ta' protezzjoni tal-habitats vulnerabbli tal-baħar fond hekk kif stabbilit fil-paragrafu 1 għandhom jagħmlu rapporti bil-VMS kull siegħa.

6. Il-bastimenti li jistadu għall-ħut pelaġiku li jkunu temmew is-sajd f'żona ta' protezzjoni tal-habitats vulnerabbli tal-baħar fond hekk kif stabbilit fil-paragrafu 1 għandhom jinfurmaw lill-FMC Irlandiż hekk kif jitilqu ż-żona. Fl-istess waqt għandhom jinnotifikaw il-kwantitajiet ta' ħut miżmuma abbord.

7. Is-sajd għal speċijiet pelaġiċi f'żona ta' protezzjoni tal-habitats vulnerabbli tal-baħar fond hekk kif stabbilit fil-paragrafu 1 huwa ristrett għal li wieħed ikollu abbord jew jistad bi xbieki b'daqs tal-malja li jkunu bejn 16-il millimetru u 31 millimetru jew bejn 32 millimetru u 54 millimetru.

*Artikolu 34f***Miżuri għall-protezzjoni ta' habitats vulnerabbli tal-baħar fond fid-diviżjonijiet VIIIc tal-ICES**

1. Għandu jkun ipprojbit it-tkarkir tal-qiegħ u s-sajd b'irkaptu statiku, inklużi għeżula u konzjiet tal-qiegħ, fiż-żona magħluqa bit-tgħaqqud sekwenzjali mal-linji ta' rombu tal-koordinati li ġejjin, li għandhom jitkejlu skont is-sistema tal-koordinati WGS84:

El Cachucho:

— 44°12' N, 05°16' W

— 44°12' N, 04°26' W

— 43°53' N, 04°26' W

— 43°53' N, 05°16' W

— 44°12' N, 05°16' W

2. B'deroga mill-projbizzjoni mniżżla fil-paragrafu 1, il-bastimenti li wettqu sajd bil-konzjiet tal-qiegħ fl-2006, l-2007 u l-2008 bil-mira ta' aktar lipp tal-qawwi jistgħu jakkwistaw mill-awtoritajiet tas-sajd tagħhom awtorizzazzjoni tas-sajd f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 li tippermettilhom ikomplu jwettqu dak is-sajd fiż-żona tan-nofsinar ta' 44°00.00' N. Il-bastimenti kollha li jkunu akkwistaw din l-awtorizzazzjoni speċjali tas-sajd għandhom, indipendentement mit-tul totali tagħhom, ikollhom fl-użu VMS sigura operazzjonali, li tiffunzjona b'mod sħiħ li tikkonforma mar-regoli rispettivi, meta jitwettaq is-sajd fiż-żona stabbilita fil-paragrafu 1.

▼ **M13***Artikolu 34g***Restrizzjonijiet fuq attivitajiet tas-sajd fiż-żona ta' 24 mil madwar il-Majott**

Il-bastimenti għandhom ikunu pprojbiti milli jużaw purse-seines fuq għejjeb ta' tonn u ta' speċijiet ta' ħut li jixbhu lit-ton fiż-żona li hija sa 24 mil mill-kosti tal-Majott, bħala reġjun ultraperiferiku fis-sens tal-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, imkejla mil-linji ta' bażi minn fejn jitkejlu l-ibħra territorjali.

▼ **B**

IT-TITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦALL-ISKAGERRAK U KATTEGAT*L-Artikolu 35*

Minkejja l-Artikolu 19(1), organizzmi tal-baħar żgħar maqbuda fl-Iskagerrak jew Kattegat jistgħu jinżammu abbord, jew ikunu trasferiti għal fuq bastiment ieħor, imħotta l-art, maħżuna, mibjugħa, murija jew imqiegħda għall-bejgħ f'limitu ta' 10 % skond il-piż ħaġ tal-qabdiet kollha miżmuma abbord.

L-Artikolu 36

Salamun u trota tal-baħar m'għandhomx jinżammu abbord jew ikunu trasferiti fuq bastiment ieħor, ikunu mħotta l-art, trasportati, maħżuna, mibjugħa, murija jew imqiegħda għall-bejgħ, iżda għandhom ikunu mitfugħa lura l-baħar immedjatement, meta maqbuda f'kull parti ta' Skagerrak u Kattegat li tkun tinsab barra mill-limitu ta' erba mili mkejla mill-linja bażi ta' l-Istati Membri.

L-Artikolu 37

1. L-użu ta' xbieki ta' tkarkir b'toqob ta' daqs iżgħar minn 32 millimetri mill-1 ta' Lulju sal-15 ta' Settembru fl-ibħra li jinsabu ġewwa tliet mili mill-linji bażi fl-Iskagerrak and Kattegat għandu jkun ipprojbit.

2. Madankollu, meta jsir sajd bi xbieki ta' tkarkir f'ibħra u matul il-perjodu riferit fil-paragrafu 1:

- għal gambli tat-tramuntana (*Pandalus borealis*), jistgħu jintużaw xbieki b'toqob b daqs ta' 30 millimetru,
- għal budakkra (*Zoarces viviparus*), imzazen (*Gobiidae*) jew ċippulazz (*Cottus* ssp.) sabiex jintużaw bħala lixxa, jistgħu jintużaw xbieki b'toqob ta' kull daqs.

▼ **M12**▼ **B***L-Artikolu 39*

L-użu ta' xi xibka bit-travu fil-Kattegat għandu jkun ipprojbit.

▼B*L-Artikolu 40*

Matul il-perjodi u ġewwa ż-żoni riferiti fl-Artikoli 37, 38 u 39 ta' dan ir-Regolament, fejn xbieki ta' tkarkir jew xbieki bit-travi ma jistgħux jintużaw, il-ġarr abbord ta' tali xibka għandu jkun ipprojbit, sakemm ma tkunx marbuta u merfugħa skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 20(1) ta' Regolament (KEE) Nru 2847/93.

▼M7**▼B**

IT-TITOLU VII

DISPOŻIZZJONIJIET TEKNIĊI*L-Artikolu 42***Ħidmiet ta' pproċessar**

1. It-twertieq abbord bastiment tas-sajd ta' xi pproċessar fiżiku jew kimikali ta' ħut sabiex tkun prodotta farina tal-ħut, żejt tal-ħut, u prodotti simili, jew li jkunu trasferiti qabdiet ta' ħut għal tali għanijiet għandu jkun ipprojbit. Din il-projbizzjoni m'għandhiex tapplika għall-proċessar jew it-trasferiment għal fuq bastiment ieħor ta' skart.

2. Paragrafu 1 m'għandux japplika għall-produzzjoni abbord ta' bastimenti tas-sajd ta' surimi u polpa tal-ħut.

*L-Artikolu 43***Riċerka xjentifika**

1. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għal ħidmiet ta' sajd mwettqa biss għall-għan ta' investigazzjonijiet xjentifiċi li huma mwettqa bil-permess utaht l-awtorità ta' l-Istat Membru jew ta' l-Istati Membri konċernati u li l-Kummissjoni u l-Istat Membru jew l-Istati Membri li fl-ibħra tagħhom tkun qed issir ir-riċerka ġew infurmati bihom minn qabel.

2. Organiżmi tal-baħar maqbuda għall-għanijiet imfissra fil-paragrafu 1 jistgħu ikunu mibjugħa, maħżuna, murija jew offruti għall-bejgħ kemm-il darba:

— jissodisfaw il-livelli stabbiliti fl-Anness XII għal dan ir-Regolament u l-livelli tas-suq adottati skond l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3759/92 tas-17 ta' Diċembru 1992 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura ⁽¹⁾, jew

— ikunu mibjugħa direttament mhux bil-għan ta' konsum uman.

*L-Artikolu 44***Popolar mill-ġdid u transplantazzjoni artifiċjali**

1. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għal ħidmiet ta' sajd mwettqa biss għall-għan ta' popolari mill-ġdid u transplantazzjoni artifiċjali ta' organiżmi tal-baħar li jkunu mwettqa bil-permess u taħt l-awtorità ta' l-Istat Membru jew ta' l-Istati Membri konċernati. Fejn il-popolar mill-ġdid u t-transplantazzjoni artifiċjali jkunu mwettqa fl-ibħra

⁽¹⁾ ĠU L 388, tal-31.12.1992, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 3318/94 (ĠU L 350, tal-31.12.1994, p. 15).

▼B

ta' Stat Membru jew Stati Membri oħra, il-Kummissjoni u l-Istati Membri kollha konċernati għandhom ikunu nfurmati minn qabel.

2. Organiżmi tal-baħar maqbuda għall-għanijiet speċifika fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, u wara mitfugħa lura l-baħar ħajjin, jistgħu ikunu mibjugħa, maħżuna, murija jew offruti għall-bejgħ, sakemm il-livelli tas-suq adottati skond l-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 3759/92 ikunu mħarsa.

IT-TITOLU VIII

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI*L-Artikolu 45*

1. Fejn il-konservazzjoni ta' ħażniet ta' organiżmi tal-baħar titlob azzjoni immedjata, il-Kummissjoni tista, b'żieda ma jew permezz ta' deroga minn dan ir-Regolament, tadotta kull miżura neċessarja bi qbil mal-proċedura riferita fl-Artikolu 48.

2. Fejn il-konservazzjoni ta' ċerti speċi jew inħawi ta' sajd ikunu mhedda serjament, u fejn kull dewmien ikun ser jirriżulta fi ħsara li tkun diffiċli li tisewwa, Stat Membru jista jieħu miżuri xierqa ta' konservazzjoni mhux diskriminatorji f'dak li għandu x'jaqsam mal-ibħra taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu.

3. Il-miżuri riferiti fil-paragrafu 2, flimkien ma memorandum ta' spjegazzjoni, għandhom ikunu komunikati lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra malli jkunu adottati.

Fi żmien 10t ijiem xogħol minn mindu tirċievi tali notifika, il-Kummissjoni għandha tikkonferma tali miżuri, jew titlob il-kanċellazzjoni jew l-emendar tagħhom. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni għandha tkun innotifikata immedjatament lill-Istati Membri.

L-Istati Membri jistgħu jirreferu d-deċiżjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill fi żmien 10t ijiem xogħol minn mindu jirċievu din in-notifika.

Il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista jadotta deċiżjoni differenti fi żmien xahar.

*L-Artikolu 46***▼M5**

1. L-Istati Membri jistgħu jieħdu l-miżuri neċessarji għall-konservazzjoni u l-ġestjoni ta' l-istokkijiet:

- (a) fil-każ ta' stokkijiet strettament lokali li huma ta' interess biss għall-Istat Membru nvolut; jew
- (b) fil-forma ta' kondizzjonijiet jew arranġamenti dettaljati bil-ħsieb li jillimitaw il-qbid b'miżuri tekniċi:
 - (i) li jissupplementw dawk preskritti fil-leġislazzjoni Komunitarja fuq is-sajd; jew
 - (ii) li jżidu fuq il-ħtiġijiet minimi preskritti fil-leġislazzjoni msemmija;

▼M5

sakemm dawn il-miżuri japplikaw biss għal bastimenti bil-bandiera ta' l-Istat Membru nvolut u rreġistrat fil-Komunità jew, fil-każ ta' attivitajiet tas-sajd mhux imwettqa minn bastiment tas-sajd, lil persuni stabbiliti fl-Istat Membru nvolut.

▼B

2. Il-Kummissjoni għandha tkun mgħarrfa, fil-ħin sabiex tkun tista tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha, b'kull pjanijiet li jkunu imdaħħla jew emendati miżuri tekniċi nazzjonali.

Jekk fi żmien xahar minn tali notifika il-Kummissjoni titlob dan, l-Istat Membru konċernat għandu jissospendi id-dħul fis-seħħ tal-miżuri pjanati sakemm jgħaddu tliet xhur mid-data ta' l-imsemmija notifika, sabiex il-Kummissjoni tkun tista tiddeċiedi f'dan il-perjodu jekk il-miżuri in kwistjoni jkunux konformi mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1.

Fejn il-Kummissjoni issib, b'deċiżjoni li għandha tinforma biha lill-Istati Membri kollha, li miżura pjanata ma tikkonformax mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, l-Istat Membru konċernat ma jistax jimplimenta l-miżura mingħajr ma jagħmel il-bidliet neċessarji.

L-Istat Membru konċernat għandu jinforma immedjatament lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bil-miżuri adottati, wara li jkunu saru l-emendi neċessarji.

3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni, fuq talba, bid-dettalji kollha meħtieġa sabiex jitqies jekk il-miżuri tekniċi nazzjonali tagħhom humiex konformi mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1.

4. Fuq inizzjattiva tal-Kummissjoni, jew fuq talba minn xi Stat Membru, il-kwistjoni jekk miżura teknika nazzjonali applikata minn Stat Membru tkunx konformi mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu tista tkun is-suġġett ta' deċiżjoni meħuda bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 48. Jekk tittieħed tali deċiżjoni, it-tielet u r-raba sottoparagrafi tal-paragrafu 2 għandhom japplikaw.

5. Miżuri li għandhom x'jaqsmu ma sajd mix-xatt għandhom ikunu komunikati mill-Istat Membru konċernat lill-Kummissjoni għall-għani-jiet ta' informazzjoni biss.

▼M12**▼B***L-Artikolu 48*

Għandhom ikunu implimentati regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 18 tar-Regolament (KEE) Nru 3760/92. Dawn ir-regoli jistgħu jinkludu, fost l-oħrajn:

- regoli tekniċi sabiex ikun stabbilit il-ħxuna ta' l-ispag,
- regoli tekniċi sabiex ikun stabbilit id-daqs tat-toqob,
- regoli sabiex jittieħdu kampjuni,
- listi u deskrizzjonijiet tekniċi ta' apparati li jistgħu jkunu mwaħħla max-xbieki,
- regoli tekniċi sabiex titkejje is-saħħa tal-magna,

▼B

- regoli tekniċi li għandhom x'jaqsmu ma xbieki b'toqob kwadri,
- regoli tekniċi li għandhom x'jaqsmu ma materjali tax-xbieki,
- emendi għar-regoli għall-użu ta' kumbinazzjonijiet ta' daqsijiet ta' toqob.

L-Artikolu 49

L-Artikoli li ġejjin ta', u l-Annessi għar-Regolament (KE) Nru 894/97 għandhom ikunu mħassra mill-1 ta' Jannar 2000:

- l-Artikoli 1 sa 10,
- l-Artikoli 12 sa 17,
- l-Annessi I sa VII.

Referenzi għar-Regolament imsemmi għandhom ikunu miftehma bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni mniżżla fl-Anness XV.

L-ismijiet xjentifiċi ta' organiżmi tal-baħar imsemmija speċifikament f'dan ir-Regolament huma mniżżla fl-Anness XIV.

L-Artikolu 50

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2000, bl-eċċezzjoni ta' l-Artikolu 32(3) u l-Artikolu 47, li għandhom japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

APPARAT TA' ĠBID: Reġjuni 1 u 2, minbarra Skagerrak u Kattegat

Skali ta' daqsijiet tal-malji, l-ispeċi mmirati għalihom, u persentaġġi tal-qbid meħtieġa applikabbli għall-użu ta' skala ta' daqsijiet tal-malja

Speċi mmirati għalihom	Skala ta' daqsijiet tal-malja (millimetri)									
	< 16	16 sa 31		32 sa 54		55 sa 69	70 sa 79	80 sa 99		≥ 100
	Persentaġġ minimu ta' speċi mmirati għalihom									
	95	90/60 (³) (⁵)	60	30	90/60 (⁴)	90	35	30	70	Xejn
Sallur tar-ramel (<i>Ammodytidae</i>) (¹)	×	×			×		×	×	×	×
Sallur tar-ramel (<i>Ammodytidae</i>) (²)		×			×		×	×	×	×
Budakkra Norveġiża (<i>Trisopterus esmarkii</i>)		×			×		×	×	×	×
Perlan (<i>Atherina</i> spp. u <i>Osmerus</i> spp.)		×			×		×	×	×	×
Merluzz (<i>Trisopterus minutus</i>)		×			×		×	×	×	×
Silvery cod (<i>Gadus argenteus</i>)		×			×		×	×	×	×
Red bandfish (<i>Cepolidae</i>)		×			×		×	×	×	×
Sprat (<i>Sprattus sprattus</i>),		×			×		×	×	×	×
Sallur (<i>Anguilla anguilla</i>)		×			×		×	×	×	×
Inċova (<i>Engraulis encrasicolus</i>)		×			×		×	×	×	×
Merlangu ikħal (<i>Micromesistius poutassou</i>)		×			×		×	×	×	×
Argentines (<i>Argentinidae</i>)		×			×		×	×	×	×

▼B

Speċi mmirati għalihom	Skala ta' daqsijiet tal-malja (millimetri)									
	< 16	16 sa 31	32 sa 54	55 sa 69	70 sa 79	80 sa 99	≥ 100			
	Persentaġġ minimu ta' speċi mmirati għalihom									
	95	90/60 (³) (⁵)	60	30	90/60 (⁴)	90	35	30	70	Xejn
Sardin (<i>Sardina pilchardus</i>)		×			×		×	×	×	×
Gambli/Gambli kbar komuni (<i>Pandalus montagui</i> , <i>Crangon</i> spp., <i>Palaemon</i> spp.)			×	×	×		×	×	×	×
Kavalli (<i>Scomber</i> spp.) Ø					×	×	×	×	×	×
Sawrell (<i>Trachurus</i> spp.)					×		×	×	×	×
Aringi (<i>Clupea harengus</i>),					×		×	×	×	×
Klamari (<i>Loliginidae</i> , <i>Ommastrephidae</i>) Ø					×		×	×	×	×
Msella (<i>Belone</i> spp.) Ø					×		×	×	×	×
Huta żgħira mill-klassi tal-merluzz (<i>Trisopterus luscus</i>) Ø					×		×	×	×	×
Gambli kbar (<i>Pandalus</i> spp., <i>Parapenaeus longirostris</i>) Ø				×			×	×	×	×
Gringu (<i>Conger conger</i>) Ø ÿ							×	×	×	×
Traċna (<i>Trachinidae</i>) Ø ÿ							×	×	×	×
Gurnardi (<i>Triglidae</i>) ÿ							×	×	×	×
Qarnita (<i>Octopus vulgaris</i>) Ø ÿ							×	×	×	×
Awwist squat (<i>Galatheididae</i>) Ø ÿ							×	×	×	×
Awwist Norveġiż (<i>Nephrops norvegicus</i>) Ø ÿ							×	×	×	×

▼B

Speċi mmirati għalihom		Skala ta' daqsijiet tal-malja (millimetri)									
		< 16	16 sa 31		32 sa 54		55 sa 69	70 sa 79	80 sa 99		≥ 100
		Persentaġġ minimu ta' speċi mmirati għalihom									
		95	90/60 (³) (⁵)	60	30	90/60 (⁴)	90	35	30	70	Xejn
<i>Sole (Solea vulgaris)</i>	Ø ÿ									×	×
Barbun tat-tbajja' (<i>Pleuronectes platessa</i>)	Ø ÿ									×	×
Marlozz (<i>Merluccius merluccius</i>)	Ø ÿ									×	×
<i>Megrim (Lepidorhombus spp.)</i>	Ø ÿ									×	×
Merlangu (<i>Merlangius merlangus</i>)	Ø ÿ									×	×
Rombu lixx (<i>Scophthalmus rhombus</i>)	Ø ÿ									×	×
<i>Pollakkju (Pollachius pollachius)</i>	Ø ÿ									×	×
Barbun dab (<i>Limanda limanda</i>)	Ø ÿ									×	×
Siċċa (<i>Sepia officinalis</i>)	Ø ÿ									×	×
<i>Sea bass (Dicentrarchus labrax)</i>	Ø ÿ									×	×
Il-Barbun ta' l-għajnejn imbiegħda (<i>Platichthys flesus</i>)	Ø ÿ									×	×
<i>Lemon sole (Microstomus kitt)</i>	Ø ÿ									×	×
Mazzola (<i>Scyliorhinidae</i>)	Ø ÿ									×	×
Witch (<i>Glyptocephalus cynoglossus</i>)	Ø ÿ									×	×
John Dory (<i>Zeus faber</i>)	Ø ÿ									×	×
Arzelli (<i>Chlamys opercularis</i>)	Ø ÿ									×	×

▼ **B**

Speċi mmirati għalihom		Skala ta' daqsijiet tal-malja (millimetri)									
		< 16	16 sa 31		32 sa 54		55 sa 69	70 sa 79	80 sa 99		≥ 100
		Persentaġġ minimu ta' speċi mmirati għalihom									
		95	90/60 (³) (⁵)	60	30	90/60 (⁴)	90	35	30	70	Xejn
Arzelli <i>variegated</i> (<i>Chlamys varia</i>)	Ø ÿ									×	×
Mullets ħomor (<i>Mullidae</i>)	Ø ÿ									×	×
Mullets griżi (<i>Mugilidae</i>)	Ø ÿ									×	×
<i>Grenadiers</i> (<i>Nezumia</i> spp., <i>Trachyrhynchus</i> spp., <i>Malococephalus</i> spp.)	Ø ÿ									×	×
<i>Hairtails</i> (<i>Trichiuridae</i>)	Ø ÿ									×	×
<i>Anglers</i> (<i>Lophiidae</i>)	Ø ÿ									×	×
Skejts u raġġi (<i>Rajidae</i>)	Ø ÿ									×	×
<i>Brimi</i> tal-baħar (<i>Sparidae</i>)	Ø ÿ									×	×
Barbun imperjali (<i>Psetta maxima</i>)	Ø ÿ									×	×
Pixxitrombetta (Caproidae)						×					
L-organiżmi marittimi kollha											×

▼ **M11**▼ **B**

► **M1** (¹) Fil-Baħar tat-Tramuntana mill-1 ta' Marzu sal-31 ta' Ottubru, u matul is-sena kollha fil-bqija tar-Reġjuni 1 u 2, għajr fl-Iskagerrak u l-Kattegat. ◀

(²) Fil-baħar tat-tramuntana, mill-1 ta' Novembru sa l-aħħar jum ta' Frar.

(³) Il-qabda miżmuma abbord għandha tikkonsisti minn:

— ta' l-inqas 90 % ta' kwalunkwe taħlita ta' żewġ speċi mmirati għalihom jew iktar, jew

— ta' l-inqas 60 % ta' kwalunkwe speċi mmirat għalih u mhux iktar minn 5 % ta' kwalunkwe taħlita ta' bakkaljaw, bakkaljaw żgħir u *saithe* u mhux iktar minn 15 % ta' kwalunkwe taħlita ta' l-ispeċi mmarkati bis-simbolu “Ø”.

(⁴) Il-qabda miżmuma abbord għandha tikkonsisti minn:

— ta' l-inqas 90 % ta' kwalunkwe taħlita ta' żewġ speċi mmirati għalihom jew iktar, jew

— ta' l-inqas 60 % ta' kwalunkwe speċi mmirat għalih u mhux iktar minn 5 % ta' kwalunkwe taħlita ta' bakkaljaw, bakkaljaw żgħir u *saithe* u mhux iktar minn 15 % ta' kwalunkwe taħlita ta' l-ispeċi mmarkati bis-simbolu “ÿ”.

(⁵) Dispożizzjonijiet li jirrigwardjaw limitazzjonijiet dwar qbid ta'aringi li jista jkun miżmum abbord meta meħud max-xbieki ta' 16 sa 31 mm tad-daqs tal-malja huma stipulati fil-leġIżlazzjoni ta' Komunità li tiffissa, għal ċertu ħażniet tal-ħut u gruppi ta' ħażniet ta' ħut, qabdiet totali permessi u ċertu kondizzjonijiet taħt liem huma jistgħu jinstadu.

► **M12** ◀

L-ANNESS II

APPARAT TA' ĠBID: Reġjun 3, minbarra Diviżjoni IXa ta' ICES fil-lvant ta' lonġitudni 7° 23 48 P

Skali ta' daqsijiet tal-malji, l-ispeċi mmirati għalihom u persentaġġi tal-qbid meħtieġa applikabbli għall-użu ta' skala ta' daqsijiet tal-malja waħda

Speċi mmirati għalihom	Skala ta' daqsijiet tal-malja (millimetri)							
	16 sa 31		32 sa 54		55sa 59		60 sa 69	≥ 70
	Persentaġġ minimu ta' speċi mmirati għalihom							
	50 %	90 %	90 %	90 %	30 %	70 %	70 %	Xejn
Sallur tar-ramel (<i>Ammodytidae</i>)		×		×		×	×	×
Budakkra Norveġiża (<i>Trisopterus esmarkii</i>)		×		×		×	×	×
<i>Sprat (Sprattus sprattus)</i> ,		×		×		×	×	×
Sallur (<i>Anguilla anguilla</i>)		×		×		×	×	×
Inċova (<i>Engraulis encrasicolus</i>)		×		×		×	×	×
Perlan (<i>Atherina</i> spp. u <i>Osmerus</i> spp.)		×		×		×	×	×
Merluzz (<i>Trisopterus minutus</i>)		×		×		×	×	×
<i>Silvery cod (Gadus argenteus)</i>		×		×		×	×	×
<i>Red bandfish (Cepolidae)</i>		×		×		×	×	×
Sardin (<i>Sardina pilchardus</i>)		×		×		×	×	×
Granċ li jgħum (<i>Polybius henslowi</i>)	×			×		×	×	×
Gambli (<i>Pandalus mantagui</i> , <i>Crangon</i> spp., <i>Palaemon</i> spp.)	×		×	×	×	×	×	×

▼B

Speċi mmirati għalihom	Skala ta' daqsijiet tal-malja (millimetri)							
	16 sa 31		32 sa 54		55sa 59		60 sa 69	≥ 70
	Persentaġġ minimu ta' speċi mmirati għalihom							
	50 %	90 %	90 %	90 %	30 %	70 %	70 %	Xejn
Kavalli (<i>Scomber</i> spp.)				×		×	×	×
Sawrell (<i>Trachurus</i> spp.)				×		×	×	×
Aringi (<i>Clupea harengus</i>),				×		×	×	×
Merlangu ikħal (<i>Micromesistius poutassou</i>)				×		×	×	×
<i>Argentines</i> (<i>Argentinidae</i>)				×		×	×	×
Klamari (<i>Loliginidae</i> , <i>Ommastrephidae</i>)				×		×	×	×
Msella (<i>Belone</i> spp.)				×		×	×	×
Budakkra (<i>Trisopterus</i> spp,)				×		×	×	×
<i>Wedge sole</i> (<i>Dicologlossa cuneata</i>)				×		×	×	×
